Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

ISSN: 1831-9351





# Il-kalkolu tal-ispejjeż tal-istress relatat max-xogħol u r-riskji psikosoċjali

## Osservatorju Ewropew tar-Riskji

## Analiżi Bibljografika

Is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol jirrigwardaw lil kulħadd. Tajjeb għalik. Tajjeb għall-kumpanija

Awturi:

Abbażi tal-abbozz imħejji minn: Juliet Hassard (kap tal-kompitu), Kevin Teoh, Tom Cox u Philip Dewe, Kulluġġ ta' Birkbeck fl-Università ta' Londra (BBK), ir-Renju Unit

Marlen Cosmar, Robert Gründler u Danny Flemming, DGUV, il-Ġermanja

Brigit Cosemans u Karla Van den Broek, PREVENT, il-Belġju

Dan ir-rapport ġie kkummissjonat mill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Il-kontenut tiegħu, inkluż l-opinjonijiet u/jew il-konklużjonijiet espressi, huma dawk tal-awtur(i) biss u mhux bilfors jirriflettu l-opinjonijiet tal-EU-OSHA.

**Ġestjoni tal-proġett:**

Malgorzata Milczarek - Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)

Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib it-tweġibiet

għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea

Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fuq il-qoxra ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

ISBN: 978-92-9240-420-8

doi: 10.2802/20493

© Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2014

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

# Werrej


Lista tat-tabelli ..... 2

1. Introduzzjoni ..... 4
   1.1. Impatt tar-riskji psikosoċjali ..... 5
   1.2. Għan ta' din l-analiżi ..... 6
2. Sejbiet ..... 6
   2.1. Spejjeż fil-livell soċjetali ..... 7
   2.2. Spejjeż għall-organizzazzjonijiet ..... 12
   2.3. Spejjeż fil-livell settorjali ..... 12
   2.4. Evalwazzjoni ekonomika tal-interventi ..... 14
   2.5. Linji gwida ta' għajnuna fl-istima tal-ispejjeż tal-kwistjonijiet psikosoċjali u l-istress relatat max-xogħol ..... 15
3. Spiża ta' mard relatat mar-riskju psikosoċjali ..... 18
   3.1. Problemi ta' saħħa mentali (dipressjoni) ..... 18
   3.2. Mard kardjovaskulari ..... 19
   3.3. Mard muskoloskeletali ..... 21
   3.4. Dijabete ..... 21
4. Sommarju ..... 22
5. Konklużjonijiet ..... 23

Referenzi ..... 25

Appendiċi I: Fatturi li tqiesu fil-kalkolu tal-ispiża relatata mar-riskju psikosoċjali u l-istress ..... 33

Appendiċi II: Konverżjoni taċ-ċifri finanzjarji fl-euro fl-2013 ..... 34

Appendiċi III: Indikaturi tal-Ispejjeż tad-disturbi psikoloġiċi fuq il-post tax-xogħol (Brun u Lamarche, 2006) ..... 38


# Lista tat-tabelli


Tabella 1: Għadd ta' pretensjonijiet skont is-settur għall-problemi tas-saħħa assoċjati mal-istress relatat max-xogħol fl-Awstralja għall-2003-2005 (ħlas medju għal kull każ AU$13 100) ..... 13

Tabella 2: Gwida tas-CIPD għall-istima tal-ispejjeż tal-istress relatat max-xogħol għall-organizzazzjonijiet. ..... 15

Tabella 3: Spejjeż tal-kura tas-saħħa għal CVD fil-pajjiżi tal-UE (f'eluf ta' €) ..... 20

# 1. Introduzzjoni

Ir-riskji psikosoċjali u l-istress relatati max-xogħol, flimkien mal-effetti negattivi tagħhom għas-saħħa u n-negozju jaffettwaw għadd impressjonanti ta' postijiet tax-xogħol Ewropej (EU-OSHA, 2014a, 2014b). Tibdil sinifikanti li affettwa l-postijiet tax-xogħol matul l-aħħar diversi deċennji u li rriżulta fi sfidi ġodda għas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali (OSH) jinkludi żviluppi soċjopolitiċi globali bħal żieda fil-globalizzazzjoni u l-istabbiliment ta' suq ħieles, avvanzi fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, tipi ġodda ta' arranġamenti kuntrattwali u tal-ħin tax-xogħol kif ukoll tibdil demografiku sinifikanti (EU-OSHA, 2007). F'kuntest soċjoloġiku usa', il-ħajja tax-xogħol hija affettwata mill-aċċellerazzjoni ġenerali tal-pass tal-ħajja, li tikkontribwixxi għall-intensifikazzjoni tax-xogħol, pressjoni kontinwa fuq il-ħin, kompiti multipli u l-bżonn li l-ħaddiema jitgħallmu affarijiet ġodda biss biex iżommu l-istatus quo (Rosa, 2013). Flimkien ma' dan it-tibdil strutturali u fit-tul, il-kriżi ekonomika attwali qed tqiegħed pressjoni dejjem tiżdied kemm fuq l-impjegaturi kif ukoll fuq il-ħaddiema biex jibqgħu kompetittivi.




Ħafna minn dan it-tibdil jipprovdi opportunitajiet għall-iżvilupp; madankollu, meta ġestit ħażin, jista' jżid ir-riskji psikosoċjali u jirriżulta f'eżiti ta' saħħa u sigurtà negattivi. Il-bibljografija ta' riċerka kienet konsistenti fis-sejba tagħha li l-karatteristiċi tal-postijiet tax-xogħol jaffettwaw il-livell tal-istress u l-għadd ta' problemi tas-saħħa esperjenzati mill-ħaddiema (Sparks et al., 1997; Sverke et al., 2002; Stansfeld u Candy, 2006). Skont l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE, fl-1999-2007 kważi 28 % ta' dawk li wieġbu, li jikkorrispondi għal madwar 55.6 miljun ħaddiem Ewropew, irrapportaw li l-benessri mentali tagħhom ġie affettwat mill-esponiment għar-riskji psikosoċjali. Ftit wisq ħin u wisq xogħol kien il-fattur ta' riskju ewlieni li ntgħażel bl-iżjed mod komuni (23 %). Fost il-ħaddiema bi problema ta' saħħa relatata max-xogħol, "l-istress, id-dipressjoni jew l-ansjetà" kienu rrapportati bħala l-iżjed problema serja ta' saħħa minn 14 % (Il-Kummissjoni Ewropea, 2010). Barra minn hekk, fil-Ħames Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (Eurofound, 2012), madwar 45 % tal-ħaddiema rrapportaw li esperjenzaw, matul l-aħħar tliet snin, xi tip ta' tibdil organizzazzjonali li jaffettwa l-ambjent tax-xogħol tagħhom, u 62 % irrapportaw li kellhom jaħdmu bi skadenzi stretti. Il-maniġers ukoll huma konxji minn din il-kwistjoni, bl-Istħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (ESENER; EU OSHA, 2010a) isib li 79 % tal-maniġers Ewropej huma mħassba dwar l-istress fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Fl-istess ħin, inqas minn 30 % tal-organizzazzjonijiet fl-Ewropa għandhom proċeduri biex jittrattaw l-istress fuq il-post tax-xogħol, il-fastidju u l-vjolenza minn parti terza. ESENER wera li iżjed minn 40 % tal-maniġers Ewropej iqisu li r-riskju psikosoċjali huwa iżjed diffiċli li jiġi ġestit mir-riskji "tradizzjonali" tal-OSH (EU-OSHA, 2010a).

L-impjegaturi għandhom responsabbiltà legali li jnaqqsu r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li tirriżulta mid-Direttiva Qafas (89/391/KEE), u din tinkludi wkoll ir-riskji psikosoċjali. Madankollu, f'ħafna organizzazzjonijiet teżisti perċezzjoni żbaljata li l-indirizzar tar-riskji psikosoċjali huwa ta' sfida u jwassal għal spejjeż addizzjonali meta, fil-fatt, l-evidenza tissuġġerixxi li n-nuqqas li jiġu indirizzati dawn ir-riskji jista' jkun jiswa iżjed għall-impjegaturi, il-ħaddiema u s-soċjetajiet inġenerali (Cooper et al. 1996; EU-OSHA, 2004; Bond et al. 2006).

## 1.1. Impatt tar-riskji psikosoċjali

Ir-riskju psikosoċjali huwa r-riskju tad-detriment għall-benessri psikoloġiku jew fiżiku tal-ħaddiem li jirriżulta mill-interazzjoni bejn id-disinn u l-ġestjoni tax-xogħol, fil-kuntest organizzazzjonali u soċjali (Cox u Griffiths, 2005).

Cox (1993) irrapporta li l-fatturi tax-xogħol assoċjati mar-riskji psikosoċjali jinkludu l-piż tax-xogħol eċċessiv u l-pass tax-xogħol, l-inċertezza tal-impjieg, skedi tal-ħin mhux flessibbli, sigħat tax-xogħol irregolari, mhux prevedibbli jew mhux soċjali, relazzjonijiet interpersonali fqar, nuqqas ta' parteċipazzjoni, rwol mhux ċar fl-organizzazzjoni, komunikazzjoni fqira, żvilupp tal-karriera fqir u talbiet konfliġġenti tax-xogħol u mill-familja. Barra minn hekk, xi riskji jistgħu jkunu uniċi għal organizzazzjonijiet partikolari, u jistgħu jiġu identifikati permezz ta' valutazzjonijiet regolari tar-riskju, jew jistgħu joħorġu riskji ġodda hekk kif il-postijiet tax-xogħol jevolvu u jinbidlu (Cox, 1993).




L-esponiment għar-riskji psikosoċjali jista' jwassal għal stress fost l-impjegati, li jirriżulta fi prestazzjoni fqira u, meta jittawwal, jista' jwassal għal problemi serji tas-saħħa. Skont l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), l-istress relatat max-xogħol huwa esperjenzat "meta d-domandi fl-ambjent tax-xogħol jaqbżu l-kapaċità tal-ħaddiema li jkampaw magħhom (jew jikkontrollawhom)" (EU-OSHA, 2009, p. 14). Marbut mill-qrib mal-istress relatat max-xogħol hemm il-kunċett tal-istrapazz fl-impjieg, li, bħall-istress relatat max-xogħol, huwa karatterizzat mill-kundizzjonijiet tax-xogħol li fihom il-ħaddiema jiffaċċjaw talbiet kbar, imma għandhom ftit kontroll jew influwenza fuq l-ambjenti tax-xogħol tagħhom (Stansfeld u Candy, 2006).

L-istudji wrew li perjodi qosra ta' esponiment għall-perikli psikosoċjali u l-istress huma assoċjati ma' reazzjonijiet bħal disturb fl-irqad, tibdil fil-burdata, għeja, uġigħ ta' ras u irritabilità fl-istonku (Beswick et al., 2006; Chandola, 2010). L-esponiment imtawwal għall-perikli psikosoċjali ntwera li huwa assoċjat ma' firxa wiesgħa ta' eżiti ta' saħħa mentali u fiżika, inkluż l-ansjetà, id-dipressjoni, l-attentati ta' suwiċidju, problemi fl-irqad, uġigħ fid-dahar, għeja kronika, problemi ta' diġestjoni, mard awtoimmuni, funzjoni immuni fqira, mard kardjovaskulari, pressjoni tad-demm għolja u ulċeri peptiċi (Bosma et al., 1998; Guglielmi u Tatrow, 1998; Belkic et al., 2000; Stansfeld et al., 2000; Beswick et al., 2006; Sobeih et al., 2006; Stansfeld u Candy, 2006; Cohen, 2012).

"Spejjeż umani" oħra tal-istress u r-riskji psikosoċjali fuq ix-xogħol jinkludu l-istrapazz emozzjonali u t-tnaqqis fil-kwalità tal-ħajja esperjenzati mill-persuni affettwati (Hoel et al., 2001). Teżisti evidenza li l-istress fuq il-post tax-xogħol huwa relatat mat-tnaqqis fil-kwalità tar-relazzjonijiet mar-raġel jew il-mara, it-tfal u membri oħra tal-familja (Crouter et al., 2001; Dembe, 2001; Amick u Mustard, 2005).

Finalment, ir-riskji psikosoċjali u l-effetti assoċjati tagħhom fuq is-saħħa jimponu piż finanzjarju sinifikanti fuq individwi, organizzazzjonijiet u soċjetajiet (Il-Kummissjoni Ewropea, 2002; EU-OSHA, 2009).

Fuq livell individwali, dan jista' jkun relatat ma' żieda fl-ispejjeż mediċi u tal-assigurazzjoni u tnaqqis fl-introjtu. Minkejja li l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa fil-pajjiżi Ewropej huma tipikament koperti mis-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali, aktar milli mill-individwi (De Curtis, 2012), li wieħed ikollu jieqaf għal xi żmien mix-xogħol jew jitlaq mill-impjieg b'riżultat tal-mard jew il-korriment relatat mal-istress jista' jkollu impatt dirett fuq il-livell tal-qligħ tal-ħaddiema. F'xi pajjiżi l-ħaddiema jistgħu jieħdu liv minħabba mard bil-paga sħiħa, filwaqt li f'oħrajn il-ħaddiema li jieħdu l-liv minħabba mard ikollhom il-paga tagħhom imnaqqsa (Hoel et al., 2001; Scheil-Adlung u Sandner, 2010). Minflok, xi ħaddiema jaf ikollhom jitilqu mill-impjieg kompletament. Il-Monitor Awstrijak tal-2009 fuq is-Saħħa tal-Impjegati żvela, pereżempju, li 42 % tal-ħaddiema mhux manwali li jieħdu l-irtirar kmieni jagħmlu hekk minħabba disturbi psikosoċjali relatati max-xogħol (Eurofound, 2010). Ir-riċerka dwar mard okkupazzjonali ieħor bħal ażma relatata max-xogħol (HSE, 2006) u mard muskoloskeletali (EU-OSHA, 2000) uriet li l-ħaddiema affettwati minn dan il-mard okkupazzjonali tabilħaqq jesperjenzaw waqgħa fl-introjtu. F'xi pajjiżi Ewropej, il-ħaddiema li jesperjenzaw problemi serji ta' saħħa mentali relatati max-xogħol jistgħu jirċievu kumpens, madankollu, il-proċedura biex jgħaddu minn dan il-proċess tista' tkun kemxejn iebsa (Eurogip, 2013).

Fil-livell organizzazzjonali, l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-istress relatat max-xogħol u r-riskji psikosoċjali huma assoċjati mad-deterjorazzjoni fil-produttività, livelli ogħla ta' assenteiżmu u dawran tal-persunal. Fir-Renju Unit, fl-2011/12, l-istress relatat max-xogħol kien il-kawża li l-ħaddiema tilfu 10.4 miljun jum ta' xogħol, u li l-ħaddiema kienu assenti għal medja ta' 24 jum (HSE, 2013). Studji nazzjonali oħra juru, pereżempju, li madwar 20 % tad-dawran tal-persunal jista' jkun relatat mal-istress fuq ix-xogħol (CIPD, 2008a), u li fost l-impjegati li jiddikjaraw li huma "dejjem jaħdmu taħt pressjoni", ir-rati tal-aċċidenti hija madwar ħames darbiet ogħla minn dik tal-impjegati li "qatt" ma jkunu suġġetti għal xogħol taħt pressjoni (Eurofound, 2007).

Fuq livell soċjetali, il-mard assoċjat mal-istress kroniku relatat max-xogħol u l-esponiment imtawwal għar-riskji psikosoċjali fuq ix-xogħol jistgħu jistrapazzaw is-servizzi tas-saħħa nazzjonali u jnaqqsu l-produttività ekonomika, b'impatt negattiv fuq il-prodott domestiku gross (PDG) ta' pajjiż (Hoel et al., 2001; Béjean u Sultan-Taieb, 2005).

## 1.2. Għan ta' din l-analiżi

Filwaqt li teżisti evidenza dejjem tikber li tissuġġerixxi li, b'mod ġenerali, l-istress relatat max-xogħol iġib miegħu spejjeż finanzjarji sinifikanti, id-dejta li turi n-natura attwali tal-piż finanzjarju tal-istress relatat max-xogħol u l-perikli psikosoċjali għall-impjegaturi u s-soċjetajiet tibqa' limitata.

L-għan ta' dan il-proġett kien li ssir analiżi bibljografika dwar il-piż finanzjarju tal-istress relatat max-xogħol u r-riskju psikosoċjali fuq ix-xogħol fil-livelli soċjetali, settorjali, organizzazzjonali u individwali. Għalkemm l-analiżi tat ħarsa lejn il-metodoloġiji użati biex jiġu kkalkulati l-ispejjeż, ma tipprovdix analiżi ekonomika iżjed profonda.[1] L-għan kien li tinġabar id-dejta disponibbli, u li tiġi esplorata u diskussa l-kumplessità tal-kwistjoni, bl-identifikazzjoni tad-diskrepanzi eżistenti.

L-informazzjoni inkluża fir-rapport hija bbażata fuq id-dejta ppubblikata fil-bibljografija xjentifika u griża.

Is-sorsi użati jinkludu:

- bibljografija akkademika (jiġifieri tiftix f'databases akkademiċi u preżentazzjonijiet ta' konferenzi)
- bibljografija griża (jiġifieri Google/Google Scholar)
- informazzjoni minn organizzazzjonijiet rispettabbli (eż. l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), l-istituzzjonijiet nazzjonali tal-OSH/l-ispezzjonijiet tax-xogħol, eċċ.).

# 2. Sejbiet

Ħafna mill-istudji li jindikaw l-ispiża tar-riskji psikosoċjali u l-istress jużaw approċċ deduttiv jew induttiv. Fl-approċċ deduttiv, tiġi ddeterminata l-ispiża totali tal-mard u tiġi applikata stima tal-perċentwal tal-każijiet relatati max-xogħol għal dik iċ-ċifra biex tinkiseb l-ispiża totali tal-mard relatat max-xogħol. L-approċċ induttiv jidentifika t-tipi differenti ta' spejjeż involuti, qabel isir il-kalkolu tagħhom u jiġu magħduda biex tinkiseb l-ispiża totali tal-mard relatat max-xogħol. Barra minn hekk, ħafna mill-istudji identifikati jippreżentaw ċifri bbażati fuq il-kalkolu ta' "frazzjonijiet attribwibbli", il-proporzjonijiet ta' eżitu negattiv (eż. marda) li jistgħu jiġu attribwiti għal, f'dan il-każ ir-riskji psikosoċjali jew l-istress fuq ix-xogħol. Dan jippermetti li jiġu "estratti" l-ispejjeż relatati mar-riskji psikosoċjali jew l-istress mill-piż finanzjarju totali assoċjat ma' problema partikolari. Kull meta possibbli, il-metodu tal-kalkolu tal-ispejjeż jiġi indikat meta jiġi rapportat studju partikolari. Madankollu, għandu jiġi nnutat li spiss il-metodoloġiji misjuba ma kinux purament induttivi jew deduttivi, u f'xi każijiet it-tip tal-approċċ metodoloġiku użat ma kienx irrapportat.

Il-kapitoli li ġejjin jippreżentaw is-sejbiet f'termini tal-ispejjeż finanzjarji tal-istress u r-riskji psikosoċjali fil-livell soċjetali u organizzazzjonali. Dan jiġi segwit minn kapitolu li jippreżenta dejta magħżula dwar il-piż ekonomiku tal-mard li l-evidenza turi li huwa assoċjat mal-kundizzjonijiet psikosoċjali tax-xogħol.

[1] L-EU-OSHA wettqet ukoll analiżi bibljografika li teżamina l-ispejjeż assoċjati mas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali ġenerali. Dan ir-rapport orjentat lejn il-politika jippreżenta analiżi tal-mudelli ekonomiċi li jistmaw l-ispiża ta' OSH fqira jew ta' nuqqas ta' OSH, bl-għan li jiġi mifhum ir-raġunament wara l-istimi differenti u li jinkiseb għarfien aħjar dwar l-impatt ekonomiku ta' OSH fqira. Disponibbli fuq https://osha.europa.eu/en/publications/reports/estimating-the-costs-of-accidents-and-ill-health-at-work/view

Għandu jiġi enfasizzat li, billi d-dejta preżentata ġiet ikkalkulata bl-użu ta' metodoloġiji differenti, qieset sottospejjeż differenti u użat muniti u perjodi ta' żmien differenti, kwalunkwe paragun għandu jsir b'kawtela kbira.

## 2.1. Spejjeż fil-livell soċjetali

**L-Ewropa**

Fl-2002, il-Kummissjoni Ewropea (2002) ikkalkulat l-ispejjeż tal-istress relatat max-xogħol fl-UE-15 bħala €20 biljun fis-sena. Din iċ-ċifra kienet ibbażata fuq l-istħarriġ tal-EU-OSHA (1999) li sab li l-ispiża totali għall-pajjiżi tal-UE-15 tal-mard relatat max-xogħol kienet bejn €185 u 289 biljun fis-sena. Bl-użu tal-estimi derivati minn riċerkaturi oħra (Davies u Teasdale 1994; Levi u Lunde-Jensen, 1996) li jindikaw li 10 % tal-mard relatat max-xogħol huwa relatat mal-istress, dan il-perċentwal ġie applikat fuq stima konservattiva tal-ispiża totali tal-mard relatat max-xogħol (€200 biljun) biex inkisbet iċ-ċifra ta' €20 biljun għall-ispiża tal-istress relatat max-xogħol għal dan il-grupp ta' pajjiżi.

Fil-proġett riċenti ffinanzjat mill-UE imwettaq minn Matrix (2013), l-ispiża għall-Ewropa tad-dipressjoni relatata max-xogħol kienet stmata bħala €617-il biljun fis-sena. It-total kien magħmul minn spejjeż għall-impjegaturi li jirriżultaw mill-assenteiżmu u l-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom (€272 biljun), telf fil-produttività (€242 biljun), spejjeż tal-kura tas-saħħa ta' €63 biljun u spejjeż tal-benessri soċjali fil-forma ta' ħlasijiet ta' benefiċċji tad-diżabbiltà (€39 biljun).[2]

**Id-Danimarka**

Juel et al. (2006) ikkalkulaw l-ispejjeż annwali attribwibbli għall-istrapazz fl-impjieg fid-Danimarka. Huma stmaw li l-ispiża tal-ammissjonijiet tas-saħħa hija ta' DKK803 miljun[3] u l-ispejjeż tal-benefiċċji tal-assigurazzjoni huma ta' DKK52 miljun. Barra minn hekk, skont il-metodoloġija tal-estimi, l-ispiża tal-liv minħabba mard ġiet ikkalkulata bejn DKK1.4 u 1.5 biljun, l-ispiża tal-irtirar kmieni kienet bejn DKK0.2 u 9 biljun u l-ispiża tal-mortalità kienet bejn DKK0.08 u 3.5 biljun. Madankollu, ġie stmat ukoll li l-mortalità qabel iż-żmien naqset il-kont tas-servizz tas-saħħa b'DKK169 miljun, u għalhekk din iċ-ċifra tnaqqset mill-ispejjeż totali. Għalhekk, l-ispiża finali tal-istrapazz fl-impjieg ġiet ikkalkulata li hija bejn DKK2.3 u 14.7 biljun fis-sena.

**Franza**


© Michel Wielick

L-ispiża tal-istrapazz fl-impjieg fi Franza, kif ikkalkulata minn Bejean u Sultan-Taieb (2005, abbażi tad-dejta mis-sena 2000), tista' tiġi attribwita għas-sottospejjeż bħall-ispejjeż mediċi (€413 miljun), il-liv minħabba l-mard (€279 miljun), it-telf fil-produttività minħabba mortalità qabel iż-żmien b'mod relattiv għall-età tal-irtirar (€474 miljun) u snin ta' ħajja mitlufa b'mod relattiv għall-istennija tal-għomor (€954 miljun). Is-somma ta' dawn il-kategoriji wasslet għal ċifri għall-ispiża tal-istress relatat max-xogħol fi Franza ta' bejn €1.17 u €1.97 biljun fis-sena. Barra minn hekk, kien stmat li d-dipressjoni minħabba talbiet tax-xogħol għolja swiet lil Franza bejn €650 miljun u €752 miljun u l-mard kardjovaskulari (CVD) relatat mal-istress tax-xogħol sewa bejn €388 miljun u €715-il miljun. L-ispiża tal-mard muskoloskeletali (MSDs) assoċjat ma' talbiet tax-xogħol għolja kienet ta' €27 miljun (Bejean u Sultan-Taieb, 2005).

Aktar riċenti, Trontin et al. (2010) ikkalkulaw l-ispiża tal-istrapazz fl-impjieg fi Franza abbażi tas-sejbiet tal-istudji epidemjoloġiċi inkluż id-dejta dwar il-prevalenza tal-mard kardjovaskulari, id-disturbi mentali u l-problemi muskoloskeletali. Il-proporzjonijiet stmati ta' dawn id-disturbi attribwibbli għal strapazz fl-impjieg għoli ġew immultiplikati b'diversi tipi ta' spejjeż, inkluż il-kura tas-saħħa (li tat ċifra ta' €124-199 miljun), l-assenteiżmu (€826-1 284 miljun), it-telf tal-attività (€756-1 235 miljun) u t-telf fil-

[2] Ara wkoll it-taqsima 3.1.
[3] L-Appendiċi II jippreżenta l-ekwivalenti fl-euro aġġustati tal-ispejjeż ikkalkulati f'muniti li mhumiex l-euro.

produttività minħabba mortalità qabel iż-żmien (€166-279 miljun). L-ispiża totali tal-istrapazz fl-impjieg kienet stmata bħala €1.9 sa €3 biljun (fl-2007).

### Il-Ġermanja

Fil-Ġermanja, ġew użati frazzjonijiet attribwibbli biex jiġu stmati l-ispejjeż diretti u indiretti tal-istrapazz fl-impjieg u rriżultaw fi spiża totali ta' €29.2 biljun fis-sena (Bodeker u Friedrichs, 2011). Din kienet tinkludi €9.9 biljun fi spejjeż diretti (prevenzjoni, riabilitazzjoni, indirizzar u amministrazzjoni tal-manteniment) u €19.3 biljun fi spejjeż indiretti (snin ta' xogħol mitlufa minħabba inkapaċità, diżabbiltà u mewt qabel iż-żmien).

Rapport ieħor (Booz and Company, 2011) jistma li b'mod ġenerali, l-ispiża annwali għal kull impjegat tal-mard u tal-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom fil-Ġermanja hija ta' €1 199 u €2 399, rispettivament.

### Il-Pajjiżi l-Baxxi

Fil-Pajjiżi l-Baxxi, Blatter u l-kollegi (2005) użaw dejta minn diversi sorsi u stħarriġ nazzjonali biex jikkalkulaw ir-rati ta' prevalenza ta' diżabbiltà awtorapportata, żjarat tat-tobba, diżabbiltà fit-tul u assenteiżmu minħabba mard minħabba piżijiet psikosoċjali. Dawn ġew imbagħad użati biex jikkalkulaw l-ispiża tal-assenteiżmu (€1.3 biljun), l-ispiża tal-benefiċċji tad-diżabbiltà (€1.7 biljun) u l-ispejjeż mediċi (€1.02 biljun), biex waslu għal total tal-ispiża annwali stmata tal-istrapazz fl-impjieg fil-Pajjiżi l-Baxxi ta' €4 biljun. Bħala paragun, Koningsveld et al. (2003) stmaw li l-ispiża tal-kundizzjonijiet ħżiena tax-xogħol fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2001 kienet ta' €6 biljun, jew 2.96 % tal-PDG tal-pajjiż. L-ispiża stmata totali qieset l-assenteiżmu, id-diżabbiltà okkupazzjonali, l-aċċidenti relatati max-xogħol, il-prevenzjoni tar-riskju, l-infurzar tas-sigurtà u l-kura tas-saħħa. Meta tinqasam skont id-dijanjosi, instab li 40 % ta' dawn l-ispejjeż kienu attribwibbli għall-mard psikosoċjali.

### Spanja

Fi Spanja, ġie stmat li bejn 11 % u 27 % tad-disturbi mentali jistgħu jiġu attribwiti għall-kundizzjonijiet tax-xogħol (UGT, 2013). L-ispiża tas-saħħa diretta tad-disturbi mentali u ta' mġiba attribwibbli għax-xogħol kienet stmata li hija bejn €150 u €372 miljun fl-2010. Din kienet tirrappreżenta 0.24 % sa 0.58 % tan-nefqa totali fuq is-saħħa fi Spanja għal dik is-sena. L-irġiel kienu jammontaw għal kważi żewġ terzi tal-ispiża globali. Fil-każ ta' disturbi relatati mal-abbuż minn sustanzi, li l-ispiża totali tagħhom kienet ikkalkulata bħala iżjed minn €35 miljun, l-irġiel kienu jammontaw għal kważi 80 % tat-total. L-ispiża tad-disturbi tal-ansjetà, ogħla għan-nisa, kienet kważi €15-il miljun.

Skont l-istess rapport, l-għadd ta' jiem ta' liv minħabba mard ikkawżat minn mard mentali temporanju attribwibbli għall-ambjent tal-post tax-xogħol kien ta' 2.78 miljun fl-2010, li huwa ekwivalenti għal spiża ta' €170.96 miljun. Barra minn hekk, ġie kkalkulat li mis-17 979 mewta relatati ma' problemi ta' saħħa mentali (inkluż is-suwiċidju u l-ħsara fuqhom infushom) fi Spanja fl-2010, 312 jistgħu jiġu attribwiti għall-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-kalkolu tat-"telf ta' snin ta' ħajja potenzjali" kien jindika li l-ispiża tal-mortalità qabel iż-żmien li tista' tiġi attribwita għax-xogħol kienet tvarja bejn €63.9 u €78.9 miljun.

Pastrana (2002) uża approċċ deduttiv biex jikkalkula l-ispiża tal-fastidju morali (fastidju) fi Spanja, billi ffoka fuq id-diżabbiltà bħala eżitu possibbli. Fost kampjun ta' 6 500 każ ta' diżabbiltà temporanja, 1.71 % minnhom kienu attribwiti għall-fastidju morali. Konsegwentement, bl-applikazzjoni ta' dan il-perċentwal fuq l-ispiża tad-diżabbiltà temporanja fi Spanja, l-ispejjeż annwali stmati tal-fastidju morali kienu jammontaw għal €52 miljun.

Studju ieħor li kien jiffoka fuq il-fastidju morali twettaq minn Carnero u Martinez (2006). L-awturi l-ewwel ikkalkulaw l-ispiża tal-fastidju morali fuq livell individwali (tqiesu żewġ spejjeż mediċi differenti: iż-żjarat tat-tobba u l-ispejjeż tal-mediċina) imbagħad immultiplikaw din iċ-ċifra bl-għadd totali tal-popolazzjoni attiva li tista' tkun affettwata mill-fastidju morali. Fl-Istħarriġ tal-2003 dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol fi Spanja, 263 mill-5 236 (5.02 %) li wieġbu setgħu jiġu identifikati bħala vittmi ta' fastidju morali, u l-awturi għażlu li jipprovdu stima konservattiva (ibbażata fuq l-għadd il-baxx tal-każijiet). L-ispiża medika għall-individwi affettwati kienet tiddependi fuq is-serjetà tal-fastidju morali esperjenzat u kienet tvarja bejn €0 sa €1 710, bl-ispiża medja tkun ta' €100. Wara l-multiplikazzjoni tal-ispejjeż mediċi medji bil-perċentwal tal-ħaddiema Spanjoli li rrapportaw esperjenza ta' fastidju morali, imbagħad bl-estrapolazzjoni tar-riżultat għall-popolazzjoni attiva kollha Spanjola, l-ispejjeż

mediċi totali relatati mal-fastidju morali fuq ix-xogħol kienu kkalkulati li huma kważi €62 miljun fis-sena (0.12 % tan-nefqa pubblika fuq is-saħħa).

**L-Isvizzera**

Ramaciotti u Perriard (2003) ukoll użaw approċċ induttiv biex jistmaw l-ispejjeż tal-istress fl-Isvizzera. L-ispejjeż inġabru fuq livell individwali qabel ma ġew estrapolati għall-popolazzjoni attiva. L-informazzjoni li fuqha ġew ibbażati l-kalkoli nġabret permezz ta' intervisti bit-telefon u żjarat fid-djar, u kienet tinkludi informazzjoni dwar l-assenteiżmu mix-xogħol, l-użu ta' servizzi mediċi inpatient u outpatient u l-ispejjeż tal-mediċina bir-riċetta u l-awtomedikazzjoni u l-fiżjoterapija. Il-parteċipanti ġew mistoqsija wkoll dwar il-livell tal-istress li kienu qed jesperjenzaw. Għalkemm l-istudju eżamina l-istress "inġenerali", kienu biss 4.6 % tal-kampjun li attribwixxew l-istress biss għall-kawżi tal-istress mhux relatati max-xogħol. Il-parteċipanti ġew imbagħad ikklassifikati skont jekk kinux taħt stress "spiss/spiss ħafna", "kultant" jew "qatt". L-ispiża tal-istress għall-individwu ġiet imbagħad miksuba bit-tnaqqis tal-ispejjeż mediċi medji ta' xi ħadd li "qatt" ma kien taħt stress (CHF 461.68)[4] minn dawk ta' dawk li wieġbu li rrapportaw li jkunu taħt stress "kultant" (CHF 967.75) jew "spiss/spiss ħafna" (CHF 1 315.33). Dan irriżulta fi spiża medja tal-istress ta' CHF 648.60 kull persuna. Din ġiet imbagħad estrapolata għall-Isvizzera kollha, biex joħroġ total annwali ta' CHF 4.2 biljun, ekwivalenti għal 1.2 % tal-PDG tal-pajjiż.

**L-Isvezja**




Levi u Lunde-Jensen (1996) ikkalkulaw l-ispiża tal-istrapazz tal-impjieg fl-Isvezja abbażi tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa, l-ispejjeż tal-assenteiżmu minħabba mard u t-telf fil-produttività. Dan inkiseb billi ġie stmat il-proporzjon ta' ħaddiema li kienu esposti għal talbiet għolja tal-impjieg u li kellhom kontroll baxx fuq il-post tax-xogħol, billi intużat dejta mill-Ewwel Stħarriġ Ewropew tal-Ambjent tax-Xogħol fl-1991/92. L-ispiża totali tal-istrapazz fl-impjieg miksuba kienet ta' ECU 450 miljun.

Levi u Lunde-Jensen (1996) addizzjonalment sabu li l-mard kardjovaskulari (CVD) kien jammonta għal 4 % tal-ispejjeż tal-aċċidenti okkupazzjonali u l-mard ikkawżat mill-istress tax-xogħol. Bl-użu ta' ċifri mill-1992 u bil-kalkolu jinqaleb fl-euro, dan kien ekwivalenti għal €177 miljun fl-Isvezja u €125 miljun fid-Danimarka.

**Ir-Renju Unit**

Iċ-Ċentru ta' Sainsbury għas-Saħħa Mentali (2007) jistma li l-assenteiżmu minħabba mard relatat mal-istress, l-ansjetà u d-dipressjoni jiswa lis-soċjetà Brittanika madwar £1.26 biljun fis-sena[4]. Din iċ-ċifra nkisbet bil-multiplikazzjoni tad-durata medja, f'jiem, tal-assenteiżmu minħabba mard relatat max-xogħol bl-ispiża tal-assenteiżmu ta' kuljum u l-għadd totali ta' episodji ta' assenteiżmu.

Chandola (2010) uża d-dejta mill-2001/02 biex jindika li 35 % tal-ilmenti dwar saħħa awtorapportati huma minħabba l-istress, l-ansjetà jew id-dipressjoni. Dan il-perċentwal ġie mbagħad applikat fuq l-ispiża tal-Eżekuttiv tas-Saħħa u s-Sigurtà (HSE) tal-mard relatat max-xogħol u tal-aċċidenti fl-2001/02 ta' £20-36 biljun fis-sena. Dan l-approċċ deduttiv irriżulta fi spiża għall-istress relatat max-xogħol ta' bejn £7 u £10 biljun għall-2001/02, ekwivalenti għal 0.7-1.2 % tal-PDG tal-pajjiż.

Fl-2010/11, l-Eżekuttiv tas-Saħħa u s-Sigurtà (HSE, 2010/11) stima b'mod konservattiv l-ispiża tal-istress, id-dipressjoni u l-ansjetà bħala £3.6 biljun. Din kienet ibbażata fuq spiża stmata ta' każ wieħed (£16 400) immultiplikata bl-għadd irrapportat ta' każijiet ta' "stress, dipressjoni u ansjetà" (222 000).

[4] L-Appendiċi II jippreżenta l-ekwivalenti fl-euro aġġustati tal-ispejjeż ikkalkulati f'muniti li mhumiex l-euro

Din hija l-ispiża totali mġarrba minn individwi, impjegaturi u l-gvern, u tinkludi l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u tar-riabilitazzjoni, l-ispejjeż li jirriżultaw mit-tfixkil tal-produzzjoni, it-telf tal-introjtu, u l-ispejjeż amministrattivi u legali.

Giga et al. (2008) eżaminaw kif l-użu ta' approċċi analitiċi differenti jistgħu jaffettwaw l-ispiża finali stmata tal-fastidju fuq il-post tax-xogħol. Dawn l-ewwel aġġustaw għall-inflazzjoni l-ispejjeż stmati minn Beswick u l-kollegi (2006) tal-istress relatat max-xogħol mill-1995/96 biex kisbu ċifra stmata ta' £4.55 biljun għall-2007. Billi r-riċerka wriet li l-fastidju jammonta għal bejn 10 % u 20 % tal-ispejjeż tal-istress relatat max-xogħol, l-istima medja ta' 15 % intużat biex tiġi ddeterminata ċ-ċifra għall-ispiża tal-fastidju fuq il-post tax-xogħol fir-Renju Unit ta' £682 miljun fis-sena. Bl-applikazzjoni tal-istess ċifra ta' 15 % fuq l-ispiża tal-assenteiżmu relatat mal-istress biss, li l-ispiża annwali totali tiegħu hija ta' £1.33 biljun, ir-riżultat kien spiża tal-assenteiżmu relatat mal-fastidju ta' £199 miljun.

It-tieni approċċ deduttiv kien ibbażat fuq is-sejba preċedenti minn Gordon u Risley (1999, ikkwotat f'Giga et. al. 2008) li jissuġġerixxi li l-ispiża tal-fastidju fir-Renju Unit hija bejn 1.4 % u 2 % tal-PDG. L-applikazzjoni ta' ċifra konservattiva ta' 1.5 % fuq l-ekonomija tar-Renju Unit turi li l-ispiża tal-fastidju tista', fil-fatt, tkun għolja sa £17.65 biljun fis-sena.

U finalment, bl-użu ta' approċċ induttiv, Giga et al. (2008) stmaw l-ispejjeż tal-assenteiżmu relatat mal-fastidju (għadd ta' ġranet mitlufa χ paga medja ta' kuljum), tad-dawran tal-persunal (għadd ta' riżenji relatati mal-fastidju χ spiża medja tas-sostituzzjoni) u tat-telf fil-produttività (għadd ta' ħaddiema χ ġimgħat ta' xogħol χ salarju medju fil-ġimgħa χ telf fil-produttività). Bl-għadd flimkien tat-totali individwali ta' £3.06 biljun, £1.55 biljun u £9.14 biljun tirriżulta spiża totali stmata tal-fastidju ta' £13.75 biljun fis-sena.

Konsegwentement, Giga u l-kollegi (2008) setgħu jipprovdu tliet ċifri li jvarjaw bejn £682 miljun u £17.65 biljun, b'din tal-aħħar tkun iżjed minn 25 darba ikbar minn dik tal-ewwel.

**Pajjiżi mhux Ewropej**

**L-Awstralja**

Abbażi tal-istatistika mill-2008/09, Safe Work Australia (2012a) stmaw li l-ispejjeż tal-istress mentali relatat max-xogħol jiswa lis-soċjetà Awstraljana AU$5.3 biljun fis-sena[5]. Din iċ-ċifra tinkludi spejjeż li jirriżultaw mit-tfixkil fil-produzzjoni u l-ispejjeż mediċi.

Fl-2009/10, Safe Work Australia ħallsu 6 480 pretensjoni għal stress mentali relatat max-xogħol, bil-valur medju tal-pretensjonijiet ikun AU$12 700 (Safe Work Australia, 2012b, 2013). Bħala paragun, il-ħlas medju għall-pretensjonijiet l-oħra kollha (irrispettivament mit-tip ta' korriment/mard) kien ta' AU$1 500. L-analiżi tal-kawża attribwita għall-istress mentali bejn l-2008 u l-2011 żvelat li 33 % tal-pretensjonijiet għal stress mentali kienu minħabba l-pressjoni tax-xogħol, 22 % minħabba fastidju jew bullying relatat max-xogħol, 21 % minħabba esponiment għal vjolenza fuq il-post tax-xogħol u 14 % minħabba fatturi oħra ta' stress mentali (Safe Work Australia, 2013).

LaMontagne et al. (2010) ħarsu lejn l-ispejjeż tal-produttività tax-xogħol mitlufa, l-użu tas-servizzi tas-saħħa, id-dawran u s-sostituzzjoni tal-persunal u l-medikazzjoni antidipressanti minħabba dipressjoni relatata mal-istrapazz fl-impjieg. Is-sejbiet preċedenti wrew li 13.2 % tad-dipressjoni fl-irġiel u 17.2 % fin-nisa hija minħabba l-istrapazz fl-impjieg. L-awturi mbagħad applikaw dawn il-perċentwali għall-ispiża totali tad-dipressjoni fl-Awstralja. Ir-rapport tagħhom żvela li l-ispiża tad-dipressjoni relatata mal-istrapazz fl-impjieg hija madwar AU$730 miljun fis-sena. Analiżi ulterjuri wriet li l-ħaddiema b'dipressjoni relatata mal-istrapazz fl-impjieg fl-2007 se jiswew lill-Awstralja AU$11.8 biljun tul ħajjithom.

Sheehan u l-kollegi (2001) stmaw l-ispejjeż annwali tal-bullying fuq il-post tax-xogħol Awstraljan, bl-użu ta' diversi stimi tar-rati ta' prevalenza tal-bullying. Meta l-awturi użaw stima konservattiva (prevalenza ta' 3.5 %), l-ispiża stmata tal-bullying kienet madwar AU$6-13 biljun, filwaqt li l-mudell ibbażat fuq prevalenza ogħla ta' bullying (15 %) irriżulta f'ċifra ta' bejn AU$17 u AU$36 biljun.

Finalment, Econtech (2008) stmaw l-ispejjeż tal-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom u tal-assenteiżmu minħabba stress relatat max-xogħol għal kważi AU$9.69 biljun u AU$5.12 biljun rispettivament, jew total ta' AU$14.81 biljun fis-sena. Madankollu, ma ġew ippubblikati l-ebda dettalji

[5] L-Appendiċi II jippreżenta l-ekwivalenti fl-euro aġġustati tal-ispejjeż ikkalkulati f'muniti li mhumiex l-euro.

ulterjuri dwar kif dawn iċ-ċifri ġew ikkalkulati.

**Il-Kanada**

Fil-Kanada, l-ispiża annwali għas-soċjetà (inkluż l-ispiża tal-kura tas-saħħa mentali, l-ispejjeż tas-servizzi soċjali u spejjeż oħra) tal-istress relatat max-xogħol u l-mard relatat max-xogħol kienet stmata li hija CA$2.75 biljun għal prevalenza baxxa ta' stress u CA$8.25 biljun[6] għal prevalenza stmata ogħla (Shain, 2008). B'mod simili, stima konservattiva tal-ispiża annwali għall-impjegaturi Kanadiżi tal-mard mentali relatat mal-istress u t-telf fil-produttività kienet bejn CA$222 miljun u CA$2.75 biljun. Is-somma ta' dawn iċ-ċifri wasslet lill-awturi biex jistmaw li l-ispiża totali tal-istress relatat max-xogħol fil-Kanada hija bejn CA$2.9 biljun u CA$11-il biljun.

**L-Istati Uniti**

Fl-1987, Matteson u Ivancevich ikkalkulaw li l-ispiża annwali tal-istress fuq il-post tax-xogħol għall-ekonomija tal-Istati Uniti kienet ta' US$300 biljun[6]. Huma pprevedew li l-ekonomija tal-Istati Uniti hija magħmula minn ditti nozzjonali ta' 1 000 impjegat kull waħda u kkalkulaw l-ispejjeż tal-assenteiżmu relatat mal-istress, il-persunal żejjed addizzjonali, il-prestazzjoni tax-xogħol kontroproduttiva jew il-prestazzjoni fqira u d-dawran tal-persunal f'negozji ta' dan id-daqs. Imbagħad instab li, bħala medja, l-istress jiswa US$2 770 kull impjegat. Din l-ispiża ġiet imbagħad immultiplikata bit-total ta' 108 miljun ħaddiem fl-Istati Uniti f'dak iż-żmien biex inkisbet l-ispiża ta' US$300 biljun fis-sena.

Rosch (2001) ukoll jistma li l-istress jiswa lill-ekonomija tal-Istati Uniti US$300 biljun fis-sena, b'din iċ-ċifra tkun ibbażata fuq l-istima konservattiva ta' Albrecht (1979) tal-ispiża annwali tal-assenteiżmu relatat mal-istress u d-dawran tal-persunal ta' US$150 biljun. Din iċ-ċifra kienet tinkludi l-ispejjeż tal-persunal relatati mat-taħriġ u s-sostituzzjoni tal-persunal li jkunu fuq liv minħabba mard jew li jkunu telqu mill-kumpanija. Madwar 20 sena wara, Rosch argumenta li r-rati tal-assenteiżmu u d-dawran tal-persunal u l-ispejjeż relatati magħhom irduppjaw.

NIOSH (1999, ikkwotat minn Jauregui u Schnall, 2009) jistma li l-istress relatat max-xogħol jiswa lill-industrija Amerikana iżjed minn US$200 biljun fis-sena. Madankollu, din iċ-ċifra kienet tinkludi "biss" l-assenteiżmu u d-dawran tal-impjegati.

Kaufer u Mattman (1996) irrapportaw dwar studji li jistmaw l-ispiża tal-vjolenza fuq il-post tax-xogħol fl-Istati Uniti bħala US$36 biljun fl-1993 u US$35.4 biljun fl-1995. Il-kalkoli kienu bbażati fuq stħarriġ fost iżjed minn 600 professjonist minn diversi organizzazzjonijiet li jittratta l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol, u jipprovdi dejta dwar il-prevalenza u l-ispejjeż.

Fi studju li twettaq fl-Istati Uniti (Manning et al., 1996a) biex jiġu stmati l-ispejjeż tal-istress tax-xogħol fuq il-livell individwali, ġew ikkalkulati l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa mħallsa mill-ħaddiema u ġew ivvalutati l-kundizzjonijiet bażi tax-xogħol imbagħad imqabbla mal-ispejjeż wara 12-il xahar. Ċerti avvenimenti tax-xogħol li huma ta' stress (eż. li tiġi "trasferit kontra r-rieda tiegħek f'post jew kollokament ġdid") u strapazz fl-impjieg, kif ukoll il-bżonn ta' appoġġ soċjali, u fatturi psikosoċjali oħra, kienu jipprevedu 16 % tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa mkejla wara 12-il xahar. B'mod simili, l-istudju ta' Ganster et al. (2001) fost l-infermiera sab li ż-żieda fl-ispejjeż tal-kura tas-saħħa individwali hija assoċjata ma' żieda suġġettiva fil-piż tax-xogħol, żieda fil-livelli tal-kortisol u żieda fis-sigħat ta' kuntatt mal-pazjenti u ma' tnaqqis fil-kontroll fuq l-impjieg.

[6] L-Appendiċi II jippreżenta l-ekwivalenti fl-euro aġġustati tal-ispejjeż ikkalkulati f'muniti li mhumiex l-euro.

## 2.2. Spejjeż għall-organizzazzjonijiet

Din it-taqsima tiffoka fuq l-ispejjeż tar-riskji psikosoċjali u l-istress fil-livell organizzazzjonali, inkluż il-kosteffettività tal-interventi fuq il-post tax-xogħol. Din it-taqsima tippreżenta wkoll xi linji gwida li l-organizzazzjonijiet jistgħu jużaw biex jivvalutaw l-ispiża tar-riskji psikosoċjali u l-istress fuq il-post tax-xogħol.




L-evidenza turi biċ-ċar li l-istress relatat max-xogħol u l-kwistjonijiet psikosoċjali jwasslu għal żieda fir-rati tal-assenteiżmu u d-dawran tal-persunal, flimkien ma' tnaqqis fil-produttività u l-prestazzjoni (Il-Kummissjoni Ewropea, 2002; Hoel et al., 2001). Madankollu, huma ftit il-metodi li jistmaw l-ispiża fil-livell organizzazzjonali u ċifri preċiżi tal-piż finanzjarju huma rari.

Iċ-Ċentru ta' Sainsbury għas-Saħħa Mentali (2007) jissuġġerixxi li l-ispiża globali għall-impjegaturi Brittaniċi tal-istress, l-ansjetà u d-dipressjoni tammonta għal £1 035 kull impjegat fis-sena (€1 220). Minn dan it-total, £335 (€400) (32.4 %) huwa minħabba l-assenteiżmu, £605 (€710), jew 58.4 %, minħabba l-"attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom" u £95 minħabba d-dawran tal-persunal (9.2 %).

Fl-2001, Hoel et al. stmaw li 30 % tal-assenteiżmu minħabba mard huwa direttament ikkawżat mill-istress. Konsegwentement, huma applikaw dan il-perċentwal fuq dejta mill-Konfederazzjoni tal-Industrija Brittanika, li kienet stmat l-ispiża tal-assenteiżmu għal £438 kull impjegat fis-sena jew £56 kull impjegat kuljum. Dawn iċ-ċifri huma ekwivalenti għal spiża medja tal-assenteiżmu minħabba mard relatat mal-istress ta' £131 kull impjegat fis-sena. Madankollu, meta l-forom kollha tal-istress (jiġifieri l-impatt ta' sigħat twal, nuqqas ta' impenn, problemi personali u moral baxx fuq il-post tax-xogħol) jiġu inklużi, il-proporzjon jitla' għal 40 % tal-assenteiżmu minħabba mard. Dan, imbagħad, itella' l-ispiża medja għal kull impjegat għal stima ta' £175 fis-sena. Hoel u l-kollegi (2001) komplew jenfasizzaw li dawn l-ispejjeż stmati xorta ma jinkludux it-telf fil-produttività jew l-ispejjeż tas-sostituzzjoni.

Leymann (1990) jistma li fl-Istati Uniti, il-fastidju morali (fastidju) jiswa lill-organizzazzjonijiet bejn US$30 000 u US$100 000 kull vittma. Sandroff, fl-1988 (iċċitat minn Faley et al., 2006) għamel stħarriġ fost 160 mara impjegata fil-kumpaniji tal-"Fortune 500" biex jistma l-ispiża tal-fastidju sesswali tan-nisa fuq il-post tax-xogħol. L-ispejjeż assoċjati mal-assenteiżmu, id-dawran tal-persunal u t-telf fil-produttività ġew magħduda flimkien u estrapolati f'kumpanija ipotetika b'iżjed minn 20 000 ħaddiem; għal kumpanija ta' dan id-daqs, l-ispiża tal-fastidju sesswali kienet stmata US$6.7 miljun fis-sena.

## 2.3. Spejjeż fil-livell settorjali

- **Kostruzzjoni**

Fil-Ġermanja (Bundesministerium für Arbeit und Soziales, 2012), id-disturbi psikosoċjali huma responsabbli għat-telf ta' 1.5 miljun jum ta' xogħol fl-industrija tal-kostruzzjoni kull sena (5.2 % tal-jiem ta' xogħol totali mitlufa), b'dan iwassal għal telf globali ta' €160 miljun għall-ekonomija tas-settur. Madankollu, l-istudju ma jispeċifikax liema porzjon minn dawk id-disturbi psikosoċjali huwa relatat max-xogħol.

- **Edukazzjoni**

Stħarriġ fost l-għalliema fir-Renju Unit mis-Servizz ta' Konsulenza għall-Iskejjel (2004) sab li kull sena 213 300 jum ta' xogħol jintilfu b'riżultat tal-istress, l-ansjetà u d-dipressjoni, bi spiża ta' £19-il miljun.

- **Kura tas-saħħa**

Is-Servizz tas-Saħħa Nazzjonali Brittaniku (NHS) irrapporta li l-ispiża diretta annwali tal-assenteiżmu

minħabba mard hija ta’ £1.7 biljun (Boormans, 2009). Hekk kif id-dejta tal-NHS tindika li 25 % tal-assenteiżmu huwa relatat mal-“istress, id-dipressjoni u l-ansjetà”, dan jista’ jissuġġerixxi li l-ispiża tal-assenteiżmu relatat mal-istress hija madwar £425 miljun fis-sena.

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar (2003) tar-Renju Unit jistma li l-vjolenza u l-aggressjoni minn parti terza fuq ħaddiema fil-kura tas-saħħa jikkawżaw 40 % tal-ispiża tal-assenteiżmu ġenerali minħabba mard relatat max-xogħol, tal-benefiċċji għal korrimenti permanenti, tal-irtirar minħabba mard u tal-ħlasijiet straġudizzjarji fis-settur tas-saħħa, li tiswa £69 miljun fis-sena.

- Amministrazzjoni pubblika

Is-settur tas-“servizzi pubbliċi u privati” fil-Ġermanja jinkludi x-xogħol soċjali, l-amministrazzjoni pubblika kif ukoll diversi gruppi ta’ impjiegi oħra. Bundesministerium für Arbeit und Soziales (2012) ikkalkula telf ta’ 22.8 miljun jum fis-sena minħabba d-disturbi psikosoċjali f’dan is-settur, li jwassal għal telf tal-produzzjoni ta’ madwar €2.03 biljun u telf ta’ valur gross ta’ €2.51 biljun. Għal darba oħra huwa stmat li d-disturbi psikosoċjali relatati max-xogħol jammontaw għal proporzjon sinifikanti minn dawn l-ispejjeż.




## L-Awstralja

Ċifri interessanti li juru l-pretensjonijiet minħabba stress relatat max-xogħol u l-ispejjeż assoċjati magħhom f’setturi differenti qed jiġu pprovduti mill-Kunsill Awstraljan għas-Sigurtà u l-Kumpens (2007). L-għadd ta’ pretensjonijiet huwa ppreżentat fit-Tabella 1. Il-ħlas medju transettorjali għal kull pretensjoni kien ta’ AU$13 100 (Il-Kunsill Awstraljan għas-Sigurtà u l-Kumpens, 2007; Safe Work Australia, 2012b).

**Tabella 1: Għadd ta’ pretensjonijiet skont is-settur għall-problemi tas-saħħa assoċjati mal-istress relatat max-xogħol fl-Awstralja għall-2003-2005 (ħlas medju għal kull każ AU$13 100)**

| Settur | Għadd ta’ pretensjonijiet |
|---|---|
| Kostruzzjoni | 285 |
| Edukazzjoni | 3 065 |
| Kura tas-saħħa | 3 480 |
| Lukandi u ristoranti | 630 |
| Amministrazzjoni pubblika u difiża | 1 450 |

Sorsi: Kunsill Awstraljan għas-Sigurtà u l-Kumpens (2007), Safe Work Australia (2012b).

## 2.4. Evalwazzjoni ekonomika tal-interventi

Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet relatati mal-kosteffettività tal-interventi dwar l-istress fuq il-post tax-xogħol jew il-periklu psikosoċjali (għal analiżi ta' tipi differenti ta' interventi ara, pereżempju, van den Bossche u Houtman, 2003; LaMontagne et al., 2007; Il-Kummissjoni Ewropea, 2011b); EU-OSHA u Eurofound, 2014b).

Ir-rapport imħejji minn Matrix (2013) eżamina l-kosteffettività tat-tipi differenti ta' interventi li jiffukaw fuq il-promozzjoni tas-saħħa mentali u l-prevenzjoni tad-disturbi mentali fuq il-post tax-xogħol, inkluż titjib fl-ambjent tax-xogħol, il-ġestjoni tal-istress u t-trattament psikoloġiku. Is-sejbiet ibbażati fuq ċifri miksuba f'pajjiżi Ewropej magħżula juru li kull €1 ta' nfiq fil-programm ta' promozzjoni u prevenzjoni jiġġenera benefiċċji ekonomiċi netti fuq perjodu ta' sena ta' mhux aktar minn €13.62.

Fil-Pajjiżi l-Baxxi, l-ispiża totali tal-interventi fuq il-post tax-xogħol li għandhom fil-mira tagħhom ir-riskji psikosoċjali fis-settur tal-pulizija fuq perjodu ta' erba' snin ġiet ikkalkulata bħala €3 miljun. B'riżultat ta' dan, l-għadd ta' riskji psikosoċjali rrapportati naqas, b'korsijiet li jittrattaw il-vjolenza u l-aggressjoni perċepiti bħala l-iżjed miżura effettiva implimentata. Ġie osservat tnaqqis ta' 3 % fl-assenteiżmu, bl-iffrankar assoċjat stmat bħala €40 miljun (Houtman u Jettinghoff, 2007).

L-interventi organizzazzjonali mmirati lejn it-tnaqqis tal-istress u l-assenteiżmu minħabba mard fost il-ħaddiema tal-kunsill fir-Renju Unit ġew irrapportati li jirriżultaw fl-iffrankar ta' £1.13 miljun fuq sentejn (Tasho et al., 2005).




LaMontagne et al. (2007) analizzaw 90 studju dwar l-effikaċja tal-interventi tal-ġestjoni tal-istress, li minnhom tmienja kienu jinkludu analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji. It-tmienja li huma wrew benefiċċju finanzjarju mill-intervent użat, bil-miżuri tal-eżitu jinkludu l-ispejjeż tal-assenteiżmu minħabba mard, id-dħul mill-bejgħ u l-produttività. Bħala eżempju, LaMontagne et al. (2007) jiddeskrivu studju mwettaq fl-isptarijiet Olandiżi (Lourijsen et al., 1999), li sab li l-isptarijiet li implimentaw il-kumitati ta' tmexxija b'kompożizzjoni ta' persunal wiesgħa biex jidentifikaw ir-riskji psikosoċjali u jiżviluppaw soluzzjonijiet osservaw tnaqqis fir-rati ta' assenteiżmu fuq perjodu ta' erba' snin filwaqt li ma ġie osservat l-ebda tnaqqis fl-assenteiżmu fil-"grupp ta' kontroll", jiġifieri fl-isptarijiet li ma implimentawx dan l-intervent. Barra minn hekk, l-ispiża tal-interventi (1.2 miljun gilder) kienet tingħeleb mill-benefiċċji stmati (1.6 miljun gilder). Fi studju ieħor enfasizzat minn LaMontagne et al., il-persunal tal-bejgħ attenda taħriġ dwar il-ġestjoni tal-istress u ffurma gruppi ta' ħidma biex jiġu identifikati u jitnaqqsu l-perikli psikosoċjali (Munz et al., 2001). Tliet xhur wara l-intervent, il-miżuri tal-istress perċepit, is-sintomi dipressivi u l-effett negattiv kienu iżjed baxxi fost il-grupp tal-intervent milli fil-grupp ta' kontroll. Barra minn hekk, fost il-ħaddiema esposti għall-interventi, id-dħul mill-bejgħ żdied bi 23 % (meta mqabbel mas-17 % fil-grupp ta' kontroll) u l-assenteiżmu naqas b'24 % (meta mqabbel ma' 7 % fil-grupp ta' kontroll).

Fl-2008 - 2011, Is-servizzi tal-Promozzjoni tas-Saħħa fl-Isvizzera u l-Assoċjazzjoni tal-Assigurazzjoni Svizzera implimentaw il-proġett SWiNG, programm ta' interventi dwar l-istress li jinvolvu tmien intrapriżi Svizzeri kbar li jimpjegaw bħala total iżjed minn 5 000 ħaddiem (Promozzjoni tas-Saħħa fl-Isvizzera, 2011). L-interventi kienu jinkludu t-taħriġ tal-maniġment biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-istress, il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni fir-rigward tal-istress, korsijiet dwar il-ġestjoni tal-istress u sessjonijiet ta' "riflessjoni fit-tim", kif ukoll l-implimentazzjoni ta' tibdil organizzazzjonali biex jiġi evitat l-istress. Ir-riżultati kienu jindikaw li 25 % tal-ħaddiema kienu jħossu li kien hemm inqas perikli psikosoċjali preżenti fuq il-post tax-xogħol minn qabel (eż. tnaqqis fit-talbiet, iżjed riżorsi disponibbli), il-ħaddiema rrapportaw saħħa ġenerali aħjar, u ġie osservat tnaqqis ta' mhux aktar minn 2.6 jiem ta' assenteiżmu fis-sena. F'termini tal-ispejjeż u l-

benefiċċji, fuq perjodu ta' sentejn u nofs il-programm sewa CHF 755 kull impjegat, filwaqt li l-benefiċċju konservattiv medju għal kull impjegat kien ta' CHF 195 fis-sena. Madankollu, ġie ssuġġerit, li l-benefiċċji tal-interventi huma fit-tul u maż-żmien l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu josservaw qligħ finanzjarju pożittiv fuq l-investiment tagħhom.

Hamberg-van Reenen et al. (2012) analizzaw l-evidenza dwar il-kosteffettività tal-interventi dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol fl-Istati Uniti tal-Amerika, u l-qligħ finanzjarju li jirriżulta minnhom. Minn erba' evalwazzjonijiet ekonomiċi tal-prevenzjoni jew it-trattament tal-problemi ta' saħħa mentali (bħall-istress u d-dipressjoni), tlieta kellhom kwalità metodoloġika baxxa sa moderata imma l-erbgħa kollha wrew proporzjon kostijiet-benefiċċji pożittiv. Il-benefiċċji netti wara sena kienu jvarjaw bejn US$29 u US$61 kull impjegat, filwaqt li l-qligħ għal kull impjegat fuq perjodi itwal ta' żmien kien ta' US$257 wara sentejn u mhux aktar minn US$257 wara ħames snin. Madankollu, minn sitt interventi mmirati lejn ir-ritorn tal-impjegati lejn ix-xogħol, wieħed biss wera kosteffettività pożittiva.

## 2.5. Linji gwida ta' għajnuna fl-istima tal-ispejjeż tal-kwistjonijiet psikosoċjali u l-istress relatat max-xogħol

Instabu diversi linji gwida żviluppati biex jgħinu lill-organizzazzjonijiet jiksbu fehim aħjar tal-ispiża finanzjarja stmata għalihom tar-riskji psikosoċjali u l-istress fuq il-post tax-xogħol (Hoel et al., 2001; Tangri, 2002; Brun u Lamarche, 2006; CIPD, 2008b). Dawn il-gwidi jvarjaw fil-kumplessità, imma kollha huma bbażati fuq l-approċċ induttiv (jiġifieri metodu ta' stima li fih l-ispejjeż individwali għall-kategoriji identifikati jiġu kkalkulati u magħduda biex tinkiseb l-ispiża totali tal-istress jew ir-riskji psikosoċjali). Madankollu, huwa rikonoxxut li f'xi organizzazzjonijiet, partikolarment intrapriżi mikro u żgħar, id-dejta disponibbli hija normalment limitata u jista' ma jkunx fattibbli li jiġu inklużi l-fatturi kollha possibbli li jiġġeneraw l-ispejjeż meta jiġi kkalkulat il-piż finanzjarju tar-riskji psikosoċjali.

L-analiżi minn Hoel u l-kollegi (2001) identifikat seba' aspetti li kien meħtieġ li jiġu stmati sabiex tinkiseb l-ispiża totali tal-istress relatat max-xogħol għall-organizzazzjoni: assenteiżmu minħabba mard relatat mal-istress; irtirar qabel iż-żmien; spejjeż tas-sostituzzjoni tal-persunal; spejjeż tal-ilmenti u l-litigazzjoni/kumpens; ħsara fit-tagħmir u fil-produzzjoni li tirriżulta minn aċċidenti u żbalji; tnaqqis fil-prestazzjoni/produttività; u telf ta' avvjament pubbliku u reputazzjoni.

Tangri (2002) ippropona formula li tiffaċilita l-kalkolu tal-ispiża tal-istress fl-organizzazzjonijiet. Din hija bbażata fuq perċentwali li joħorġu mill-bibljografija ta' riċerka għall-proporzjonijiet ta' ċerti spejjeż fuq il-post tax-xogħol attribwibbli għall-istress. Skont din il-formula, tista' tinkiseb stima konservattiva tal-ispejjeż tal-istress għall-organizzazzjoni billi jingħaddu dawn l-ispejjeż li ġejjin (jekk applikabbli): 19 % tal-ispiża tal-assenteiżmu; 40 % tal-ispiża tad-dawran tal-persunal; 55 % tal-ispiża tal-programmi ta' għajnuna għall-impjegati jew servizzi relatati ta' kura tas-saħħa/konsulenza; 30 % tal-ispejjeż ta' diżabbiltà fuq perjodu qasir u fit-tul; 10 % tal-ispejjeż tal-pjan tal-mediċina (psikoterapewtiċi); 60 % tal-ispejjeż totali tal-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol; u l-ispiża totali tal-pretensjonijiet u l-kawżi għall-kumpens tal-ħaddiema minħabba l-istress.

Fl-2008, iċ-Chartered Institute of Personnel and Development (CIPD, 2008b) fir-Renju Unit ippubblika rapport li jeżamina l-każ ta' negozju għall-ġestjoni tal-istress. Ir-rapport jipprovdi wkoll gwida li tippermetti lill-organizzazzjonijiet jistmaw l-ispejjeż tal-istress relatat max-xogħol. Il-kategoriji meqjusa u xi eżempji tal-kalkolu tal-ispiża (abbażi tad-dejta mir-Renju Unit) qed jiġu ppreżentati fit-Tabella 3.

**Tabella 2: Gwida tas-CIPD għall-istima tal-ispejjeż tal-istress relatat max-xogħol għall-organizzazzjonijiet.**

| | |
|---|---|
| **Assenteiżmu minħabba mard** | L-ewwel, istma l-proporzjon tal-assenteiżmu minħabba mard li huwa relatat mal-istress.<br>Alternattivament, jistgħu jintużaw il-medji tar-riċerka, bħal pereżempju l-istima tal-NHS għall-Iskozja li bejn 30 % u 60 % tal-assenteiżmu huwa relatat mal-istress.<br>It-tieni, istma l-ispiża annwali tal-assenteiżmu minħabba mard għal kull |

| | |
|---|---|
| | impjegat. Alternattivament, is-CIPD fl-2008 għamel stima ta' din iċ-ċifra li hija £666 kull impjegat.<br>It-tielet, immultiplika ċ-ċifri mill-ewwel żewġ passi, imbagħad immultiplika din iċ-ċifra bl-għadd ta' impjegati fil-kumpanija. Pereżempju, fil-każ ta' kumpanija b'10 impjegati li tixtieq tikkalkula stima konservattiva tal-mard relatat mal-istress, il-formula tkun (0.3 χ 666) χ 10 = £1 998 |
| **Attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom** | Jekk l-organizzazzjoni ma tistax tistma l-ispiża tal-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom jew it-telf fil-produttività, jistgħu minflok jintużaw l-estimi nazzjonali. Pereżempju, fir-Renju Unit l-ispiża tal-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom relatata mal-istress hija stmata bħala £605 kull impjegat fis-sena (Ċentru ta' Sainsbury għas-Saħħa Mentali, 2007). Għalhekk, l-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom tiswa lil kumpanija b'10 impjegati ammont stmat ta' £6 050 fis-sena. |
| **Dawran** | L-ispiża tad-dawran tal-persunal relatat mal-istress hija kkalkulata b'mod simili għall-ispiża tal-assenteiżmu minħabba mard. L-ewwel, jiġi stmat il-proporzjoni tad-dawran tal-persunal relatat mal-istress. Alternattivament, uża ċ-ċifra mill-Istħarriġ Annwali tas-CIPD tal-2008, li wera li 19 % tad-dawran fir-Renju Unit huwa relatat mal-istress.<br>Imbagħad, istma l-ispiża tas-sostituzzjoni ta' impjegat. Jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, fl-2008 is-CIPD għamel stima ta' din iċ-ċifra bħala £5 800 għal impjegat medju imma tiddependi fuq ir-rwol tal-impjegat u fuq is-settur.<br>Finalment, immultiplika ċ-ċifri mill-ewwel żewġ passi, imbagħad immultiplika din iċ-ċifra bl-għadd ta' impjegati li jkunu telqu mill-kumpanija. Pereżempju, jekk tliet impjegati jkunu telqu mill-kumpanija fl-aħħar sena, l-ispiża tad-dawran tal-persunal relatat mal-istress ikun 0.19 χ £5 800 χ3 = £3 306. |
| **Spejjeż oħra** | Pereżempju, spejjeż assoċjati mal-aċċidenti u l-korrimenti, konflitti fuq il-post tax-xogħol, relazzjonijiet bejn l-impjegati, primjums tal-assigurazzjoni |
| **Spejjeż relatati mal-partijiet interessati** | Pereżempju, reputazzjoni tal-kumpanija, marka u relazzjonijiet mal-investituri. |

Sors: Chartered Institute of Personnel and Development (2008).

Għodda oħra ta' awtovalutazzjoni żviluppata fil-Kanada minn Brun u Lamarche (2006) hija bbażata fuq l-evidenza tar-riċerka li l-ikbar spejjeż għall-organizzazzjoni jirriżultaw mill-assenteiżmu u l-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom. Żviluppata permezz ta' gruppi fokus b'esperti fis-suġġett, Brun u Lamarche (2006) identifikaw 39 indikatur tal-ispejjeż, maqsuma kif ġej:

- 14-il indikatur ta' dejta bażi, bħal għadd totali annwali ta' assenteiżmu, għadd totali annwali ta' jiem maħduma, profitti annwali tal-organizzazzjoni u l-paga medja fis-siegħa tal-organizzazzjoni;
- 14-il indikatur ta' assenteiżmu, bħal spejjeż tad-diżabbiltà, spejjeż tal-ġestjoni tal-każijiet ta' diżabbiltà, primjums għall-kumpens tal-ħaddiema u kompetenza medika;
- 2 indikaturi tal-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom: żieda fl-iżbalji u tnaqqis fil-kwalità u fil-produzzjoni;

- 9 indikaturi komuni għal assenteiżmu u l-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom, inkluż telf fil-produttività, ħin ta' liv tal-unjin, kompetenza esterna u programmi ta' għajnuna għall-impjegati.

Il-lista sħiħa tal-indikaturi kollha u d-deskrizzjonijiet tagħhom qed jiġu pprovduti fl-Appendiċi III. Minkejja li jista' ma jkunx realistiku għall-organizzazzjonijiet kollha li jkollhom disponibbli d-dejta indikata kollha, l-indikaturi tal-ispejjeż jipprovdu gwida għall-organizzazzjonijiet li jistgħu jużaw biex jistmaw l-ispejjeż tal-istress.

**Valutazzjoni tal-ispiża tal-assenteiżmu**

Jeżistu żewġ approċċi biex jitkejjel l-impatt tal-assenteiżmu fuq il-post tax-xogħol: il-metodu tal-pagi mitlufa u l-metodu tal-ispiża tal-frizzjoni (Brun u Lamarche, 2006).

Il-metodu tal-pagi mitlufa, imsejjaħ ukoll il-metodu tal-kapital uman, jintuża primarjament biex jitkejjel l-impatt ekonomiku tal-mard u tal-mortalità qabel iż-żmien (Berger et al., 2001). Dan jinvolvi l-multiplikazzjoni tal-għadd ta' jiem mitlufa bis-salarju ta' kuljum tal-impjegat assenti jew bis-salarju medju tal-organizzazzjoni. Għalhekk, dan jassumi li s-salarju tal-impjegat assenti jirrappreżenta l-ispiża tal-problemi tas-saħħa għall-produttività tal-organizzazzjoni. Billi l-indikaturi tal-ispejjeż indiretti (jiġifieri d-drittijiet legali, id-drittijiet tal-kompetenza medika, l-ispejjeż tas-sostituzzjoni tal-ħaddiem, telf ta' produzzjoni) huma esklużi minn din iċ-ċifra, dan il-metodu jipprovdi stima konservattiva.

Il-metodu tal-ispiża ta' frizzjoni jagħmel tentattiv biex jikkwantifika l-impatt tal-assenteiżmu billi jidentifika l-ispejjeż fuq perjodu qasir (Koopmanschap et al., 1995). L-ispejjeż fuq perjodu qasir jiddependu fuq iż-żmien li tieħu l-organizzazzjoni biex tissokta bil-livelli normali ta' produttività (bħalma kienet qabel l-assenteiżmu), il-perjodu magħruf bħala l-perjodu ta' frizzjoni. Qed jiġi preżunt li t-telf fil-produttività huwa ristrett għall-istess żmien meħtieġ biex jiġi sostitwit il-ħaddiem assenti u biex il-ħaddiem sostitut isir produttiv. Madankollu, il-limitazzjoni ta' dan il-metodu hija li ma jqisx il-possibbiltà li l-ħaddiema assenti ma jiġux sostitwiti u/jew li x-xogħol jiġi ridistribwit fuq l-oħrajn.

**Valutazzjoni tal-ispiża tal-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom**

L-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom hija t-tnaqqis fil-prestazzjoni tal-impjegati b'riżultat ta' kwistjonijiet ta' saħħa (Collins et al., 2005) meta l-ħaddiema jkunu għażlu li jmorru x-xogħol imma mhumiex kapaċi jaħdmu bil-kapaċità normali tagħhom. L-eżamijiet tal-ispejjeż tal-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom assoċjati mas-saħħa mentali (McDaid, 2007) u ma' problemi ta' saħħa ġenerali (Collins et al., 2005) urew li dawn huma numru ta' drabi ogħla mill-ispejjeż tal-assenteiżmu. Madankollu, mhuwiex faċli li tiġi stmata l-prevalenza tal-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom fuq il-post tax-xogħol jew li jiġi kkwantifikat it-telf fil-produttività (Tangri, 2002; Krol et al., 2012). Minkejja dan, jeżistu miżuri, bħall-Kwestjonarju dwar is-Saħħa u l-Prestazzjoni tax-Xogħol tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (HPQ) u l-Iskala tal-Attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom ta' Stanford (SPS), li jistgħu jintużaw biex jiġu vvalutati l-livelli tal-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom fuq il-post tax-xogħol.



Minkejja li t-tnejn huma miżuri ta' awtorapportar, intwera li l-SPS (Koopman et al., 2002; Turpin et al., 2004) u l-HPQ (Kessler et al., 2003) huma validi, affidabbli u konsistenti mad-dejta proprja tal-organizzazzjonijiet. L-SPS fiha 32 mistoqsija jew 6 mistoqsijiet li jivvalutaw l-impatt tas-saħħa fuq il-produttività. Eżempju ta' waħda mill-mistoqsijiet huwa: "Meta mqabbel mal-livell tal-produttività tiegħi tas-soltu, meta (il-problema ta' saħħa) tfixkilni, il-perċentwal tax-xogħol li kont kapaċi nwettaq kien...". Min-naħa l-oħra, l-HPQ, jeżamina l-assenteiżmu, l-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom u l-inċidenti kritiċi bħall-aċċidenti u l-korrimenti fuq il-post tax-xogħol. Eżempju ta' entrata mill-HPQ huwa "Kemm spiss il-kwalità tax-xogħol tiegħek kienet iżjed baxxa minn kemm kellha tkun?". Dawk li jwieġbu jistgħu jagħżlu minn għażliet li jvarjaw bejn "il-ħin kollu" u "fl-ebda ħin". Minkejja li l-ebda waħda mill-miżuri ma teżamina l-ispejjeż finanzjarji attwali, il-prevalenza u l-livell tat-telf tal-produzzjoni jistgħu jassistu fil-kalkolu tal-ispiża tal-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom.

# 3. Spiża ta' mard relatat mar-riskju psikosoċjali

Ir-riċerka li twettqet fuq diversi deċennji tipprovdi evidenza ta' assoċjazzjoni bejn ir-riskji psikosoċjali u l-istress fuq ix-xogħol u l-eżiti negattivi fuq is-saħħa bħal problemi ta' saħħa mentali (dipressjoni), mard kardjovaskulari, mard muskoloskeletali u wkoll, reċentement, id-dijabete. Il-limitu sa fejn ix-xogħol jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' dawn l-eżiti negattivi huwa normalment mhux iddeterminat b'mod faċli; madankollu, meta jiġi esplorat il-piż finanzjarju tal-istress u r-riskji psikosoċjali, ta' min wieħed iqis l-ispejjeż assoċjati wkoll ma' dawn il-problemi tas-saħħa.

## 3.1. Problemi ta' saħħa mentali (dipressjoni)

L-istress relatat max-xogħol ġie stabbilit bħala determinant importanti tad-disturbi dipressivi (Levi, 2005). Ġiet osservata rabta bejn il-karatteristiċi psikosoċjali tax-xogħol u sintomi dipressivi serji, pereżempju, fi studju lonġitudinali mwettaq bejn l-1995 u l-2000 fid-Danimarka (Rugulies et al., 2006). Fost kampjun ta' iżjed minn 4 000 parteċipant li jirrappreżentaw il-forza tax-xogħol Daniża, instab li l-karatteristiċi psikosoċjali tax-xogħol, inkluż it-talbiet kwantitattivi, l-influwenza fuq ix-xogħol, il-possibbiltajiet għall-iżvilupp, l-appoġġ soċjali mis-superviżuri u l-kollegi u n-nuqqas ta' sigurtà tal-impjieg, huma relatati mar-riskju li jiġu żviluppati sintomi dipressivi serji. F'analiżi waħda ta' 14-il studju lonġitudinali li jeżaminaw din ir-relazzjoni, Netterstrøm et al. (2008) sabu li talbiet għolja tal-impjieg jirduppjaw il-probabbiltà li tiżviluppa d-dipressjoni. F'analiżi oħra ta' 16-il studju bbażati fuq il-popolazzjoni li jinkludu 63 000 ħaddiem, Bonde (2008) sab li l-istrapazz fl-impjieg (ikkaratterizzat minn talbiet għolja u kontroll baxx) iżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' sintomi dipressivi sussegwenti jew episodju dipressiv ewlieni.

**Spiża tad-dipressjoni**

Sobocki et al. (2006) ġabru dejta nazzjonali u Ewropea minn 28 pajjiż Ewropew sabiex jistmaw l-ispiża totali tad-dipressjoni fl-Ewropa. Bl-użu ta' dejta dwar il-prevalenza fuq perjodu ta' sena, huma sabu li fl-2004 l-ispiża tad-dipressjoni fl-Ewropa kienet tammonta għal total ta' €118-il biljun. Dan kien ekwivalenti għal 1 % tal-PDG tal-Ewropa. L-ispejjeż diretti kienu jammontaw għal €42 biljun u kienu jikkonsistu fi spejjeż tal-mediċina (€9 biljun), kura fi sptarijiet (€10 biljun) u kura outpatient (€22 biljun). L-ispejjeż indiretti kienu ogħla (€76 biljun) u kienu jikkonsistu fi spejjeż relatati ma' morbożità u mortalità. Barra mill-Ewropa, Greenberg u l-kollegi (2003) ikkalkulaw li fis-sena 2000 l-ispiża tad-dipressjoni fl-Istati Uniti kienet ta' US$83.1 biljun. Din iċ-ċifra kienet tinkludi spejjeż mediċi (US$26.1 biljun), spejjeż ta' mortalità relatata mas-suwiċidji (US$5.4 biljun) u spejjeż fuq il-post tax-xogħol (US$51.5 biljun).

Skont in-Netwerk Ewropew għall-Promozzjoni tas-Saħħa fuq ix-Xogħol, id-disturbi tas-saħħa mentali b'mod ġenerali swew lill-Ewropa €240 biljun fis-sena. Din iċ-ċifra toriġina minn studju trans-Ewropew immexxi minn Andlin- Sobocki et al. (2005), li żviluppaw mudell li juża d-dejta epidemjoloġika u ekonomika biex jistmaw l-ispiża totali tas-saħħa mentali u tad-disturbi tal-moħħ fl-Ewropa. L-istudju kien jinkludi l-pajjiżi tal-UE, l-Islanda, in-Norveġja u l-Isvizzera. Il-mudell ta' statistika żviluppat kien ibbażat fuq il-konverżjoni tad-dejta ekonomika disponibbli f'euro, u wara saru aġġustamenti biex jitqiesu d-differenzi fil-kapaċità tal-akkwist u fid-daqs ekonomiku tal-pajjiżi Ewropej differenti sabiex jiġu kkalkulati l-ispejjeż totali ta' kull kwistjoni ta' saħħa mentali jew disturb tal-moħħ. L-istudju sab li l-iżjed disturbi għaljin kienu d-disturbi tas-saħħa mentali, li kienu stmati li jiswew €240 biljun fis-sena.

Din iċ-ċifra kienet tinkludi spejjeż tal-kura tas-saħħa (€97 biljun), spejjeż mhux mediċi diretti (€9 biljun) u spejjeż indiretti (€133 biljun).

## 3.2. Mard kardjovaskulari

Ir-rabta bejn il-fatturi psikosoċjali, b'mod partikolari l-istress relatat max-xogħol, u l-mard kardjovaskulari (CVD) hija stabbilita pjuttost tajjeb (Schnall et al., 2000). Fl-2004, id-WHO ikkonkludiet li "b'mod globali, l-evidenza tindika li l-inċidenza tal-mard kardjovaskulari relatat mal-istress fuq ix-xogħol aktarx li tkun ogħla fl-okkupazzjonijiet manwali meta l-fatturi li ġejjin ikunu preżenti: diskrezzjoni ristretta, xogħol bix-xift (partikolarment ix-xift ta' billejl), żbilanċ bejn l-isforzi u l-gwadanji, talbiet għolja, ambjent tax-xogħol psikosoċjali fqir, iżolament soċjali, inattività fiżika jew vjolenza okkupazzjonali" (p. 1655, Concha-Barrientos et al., 2004). Madankollu, huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li din ir-relazzjoni hija osservata fil-ħaddiema kollha, mhux biss fil-ħaddiema manwali (LaMontagne et al., 2010; Schnall et al., 2000).




Kuper et al. (2002) analizzaw 13-il studju ta' riskju psikosoċjali u mard koronarju tal-qalb (CHD), u sabu li 10 mit-13-il studju rrapportaw assoċjazzjonijiet qawwija jew moderati bejn il-karatteristiċi psikosoċjali tax-xogħol bħall-istrapazz fl-impjieg, it-talbiet, ir-riżorsi u l-kontroll u s-CHD. L-istess awturi sabu li sitta mid-disa' studji analizzati rrapportaw assoċjazzjonijiet bejn in-nuqqas ta' appoġġ soċjali u s-CHD (Kuper et al., 2002). Analiżi oħra, minn Everson-Rose u Lewis (2005), sabet li l-fatturi psikosoċjali kroniċi u akuti (jiġifieri l-istrapazz fl-impjieg, talbiet għolja, gwadanji baxxi), kif ukoll in-nuqqas ta' appoġġ soċjali, huma relatati mas-CVD. B'mod simili, metaanaliżi ta' 14-il studju li jinkludu iżjed minn 100 000 impjegat bħala total uriet li l-impjegati bi strapazz għoli fl-impjieg kienu 1.5 darba aktar probabbli minn dawk b'livell baxx ta' strapazz fl-impjieg li jiżviluppaw is-CHD (Kivimäki et al., 2006).

- **Spiża tal-mard kardjovaskulari**

Ir-rapport tal-2012 min-Netwerk Ewropew tal-Qalb (Nichols et al., 2012) eżamina l-ispiża ġenerali tas-CVD għall-ekonomija globali tal-UE kif ukoll għal kull Stat Membru. Ir-rapport ikkalkula l-ispiża tas-CVD għall-ekonomija tal-UE fl-2009 li hija €196 biljun fis-sena. Din tista' tinqasam fi spejjeż diretti tal-kura tas-saħħa (54 %), telf fil-produttività (24 %) u l-kura informali tan-nies bis-CVD (22 %). Is-CHD kienet tammonta għal €60 biljun mill-ispiża totali tas-CVD, li minnha stima ta' 33 % kienet attribwita għall-ispejjeż diretti tal-kura tas-saħħa, 29 % għat-telf fil-produttività u 38 % għall-kura informali tan-nies bis-CHD. It-Tabella 2 tipprovdi analiżi tal-ispiża totali tal-kura tas-saħħa, l-ispiża *per capita* u l-perċentwal min-nefqa totali fuq is-saħħa fuq is-CVD f'kull pajjiż tal-UE. Il-pajjiżi li jonfqu l-ikbar proporzjon mill-baġit tagħhom għall-kura tas-saħħa fuq is-CVD kienu l-Latvja, l-Estonja u l-Polonja (17 % f'kull każ). Min-naħa l-oħra tal-ispettru, il-perċentwal min-nefqa fuq is-saħħa attribwibbli għas-CVD kien l-iżjed baxx fil-Lussemburgu u d-Danimarka: 4 % u 5 % rispettivament.

**Tabella 3: Spejjeż tal-kura tas-saħħa għal CVD fil-pajjiżi tal-UE (f'eluf ta' €)**

| Pajjiż | Spejjeż totali tal-kura tas-saħħa għal CVD | Spiża *per capita* | Perċentwal min-nefqa totali fuq is-saħħa |
|---|---|---|---|
| L-Awstrija | 2 338 617 | 280 | 8 % |
| Il-Belġju | 2 374 817 | 221 | 6 % |
| Il-Bulgarija | 347 877 | 46 | 13 % |
| Ċipru | 66 750 | 84 | 7 % |
| Ir-Repubblika Ċeka | 1 567 633 | 150 | 14 % |
| Id-Danimarka | 1 244 403 | 226 | 5 % |
| L-Estonja | 166 457 | 124 | 17 % |
| Il-Finlandja | 1 958 752 | 368 | 12 % |
| Franza | 12 731 261 | 198 | 6 % |
| Il-Ġermanja | 30 679 159 | 374 | 11 % |
| Il-Greċja | 2 799 545 | 249 | 11 % |
| L-Ungerija | 998 760 | 100 | 14 % |
| L-Irlanda | 925 547 | 208 | 6 % |
| L-Italja | 14 488 331 | 241 | 10 % |
| Il-Latvja | 203 355 | 90 | 17 % |
| Il-Litwanja | 250 913 | 75 | 12 % |
| Il-Lussemburgu | 133 045 | 270 | 4 % |
| Malta | 48 511 | 117 | 11 % |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 5 797 817 | 352 | 8 % |
| Il-Polonja | 4 157 650 | 109 | 17 % |
| Il-Portugall | 1 215 392 | 114 | 6 % |
| Ir-Rumanija | 802 565 | 37 | 12 % |
| Is-Slovakkja | 594 854 | 110 | 10 % |
| Is-Slovenja | 263 352 | 130 | 8 % |

| Pajjiż | Spejjeż totali tal-kura tas-saħħa għal CVD | Spiża *per capita* | Perċentwal min-nefqa totali fuq is-saħħa |
|---|---|---|---|
| Spanja | 7 935 489 | 173 | 8 % |
| L-Isvezja | 2 430 301 | 263 | 8 % |
| Ir-Renju Unit | 9 635 790 | 156 | 6 % |
| **Total tal-UE** | **106 56 940** | **212** | **9 %** |

Sors: Nichols et al. (2012).

## 3.3. Mard muskoloskeletali

L-istudji wrew li l-fatturi psikosoċjali fuq ix-xogħol jista' jkollhom rwol sinifikanti fl-iżvilupp ta' mard muskoloskeletali (MSDs). Instab li l-organizzazzjoni fqira tax-xogħol u n-nuqqas ta' appoġġ soċjali huma assoċjati ma' uġigħ fin-naħa t'isfel tad-dahar (EU-OSHA, 2010b). B'mod simili, Sobeih u l-kollegi (2006) wettqu analiżi sistematika ta' 10 studji li eżaminaw ir-rabta bejn fatturi psikosoċjali u MSDs fost ħaddiema fl-industrija tal-kostruzzjoni. L-istudji kollha rrapportaw relazzjoni bejn l-MSDs u tal-inqas fattur wieħed psikosoċjali, l-iżjed komuni l-istress fl-impjieg, sodisfazzjon baxx tal-impjieg, kontroll baxx fl-impjieg u talbiet għolja tal-impjieg. F'analiżi bibljografika oħra, Leka u Jain (2010) sabu 16-il studju li kienu jiddeskrivu r-rabta bejn fatturi psikosoċjali (bħall-istress, pagi u benefiċċji baxxi, sigħat twal tax-xogħol, nuqqas ta' kontroll fl-impjieg, nuqqas ta' appoġġ soċjali) u l-MSDs inkluż korrimenti ta' strapazz ripetittiv (korrimenti fil-muskoli minħabba l-użu frekwenti tal-istess muskoli bħal fl-iwweldjar jew l-ittajpjar fuq tastiera tal-kompjuter) u uġigħ fil-partijiet tad-dirgħajn, l-għonq, id-dahar u l-muskoli.

**Spiża tal-mard muskoloskeletali**

Il-varjetà wiesgħa ta' MSDs tagħmilha diffiċli li tiġi stmata l-ispiża tagħhom b'xi preċiżjoni; filwaqt li xi awturi għamlu tentattiv biex jikkwantifikaw l-ispiża globali tal-MSDs, oħrajn jiffukaw fuq MSDs speċifiċi bħall-uġigħ fid-dahar jew l-artrite (Parsons et al., 2011). Fil-livell tal-UE, huwa stmat li sa 2 % tal-PDG jintefaq fuq l-ispejjeż diretti tal-MSD, bl-uġigħ fid-dahar fost il-forza tax-xogħol Ewropea jiswa aktar minn €12-il biljun fis-sena (Bevan et al., 2009) u l-artrite bir-rewmatiżmu tiswa €45 biljun fis-sena (Lundkvist et al., 2008).

Ġie stmat li, fir-Renju Unit, l-"MSDs u l-mard fil-ġogi" swew lis-Servizz tas-Saħħa Nazzjonali £186 miljun fl-2008, filwaqt li l-ispiża tal-kura tas-saħħa assoċjata mal-artrite bir-rewmatiżmu hija ta' £560 miljun fis-sena, li titla' għal £1.8 biljun meta jiġu inklużi t-telf tal-impjiegi u l-liv minħabba mard (Morse, 2009). Fir-Renju Unit ukoll, ġie kkalkulat li fl-1998 l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa, l-ispejjeż tal-kura informali u t-telf tal-produzzjoni minħabba l-uġigħ fid-dahar kienu jammontaw għal total ta' £10.67 biljun (Maniadakis u Gray, 2000). Fil-Pajjiżi l-Baxxi, l-ispiża annwali tal-korrimenti ta' strapazz ripetittiv relatati max-xogħol hija ta' €2.1 biljun (Bevan et al., 2009), filwaqt li l-ispiża annwali tal-artrite bir-rewmatiżmu ġiet stmata bħala €1.6 biljun fl-Irlanda (Arthritis Ireland, 2008) u €2 biljun fi Spanja (Lajas et al., 2003).

## 3.4. Dijabete

Numru ta' studji wrew rabta bejn il-perikli psikosoċjali u d-diabetes mellitus (id-dijabete). F'wieħed minn dawn l-istudji, Heraclides et al. (2009) sabu li fost kampjun ta' 5 895 mara, l-istress psikosoċjali tax-xogħol kien bassar tad-dijabete tat-tip II 15-il sena wara, għalkemm ma kienx osservat l-istess fl-irġiel. Iżjed riċenti, analiżi tad-dejta lonġitudinali minn 7 443 parteċipant fil-Kanada żvelat li n-nisa (imma mhux l-irġiel) b'kontroll baxx fl-impjieg kienu f'riskju ikbar li jiżviluppaw id-dijabete (Smith et al., 2012). Awturi oħra sabu wkoll din iż-żieda fir-riskju tad-dijabete fin-nisa b'kontroll baxx fl-impjieg (Agardh et al., 2003; Leynen et al., 2003; Nordberg et al., 2003) jew bi strapazz għoli fl-impjieg (Leynen et al., 2003; Nordberg et al., 2003). Huwa interessanti li l-istudji ma sabux relazzjonijiet sinifikanti bejn il-fatturi psikosoċjali u riskju ikbar tad-dijabete fl-irġiel. Filwaqt li r-riċerkaturi spekulaw li

jista' jkun hemm interazzjoni bejn il-ġeneru u l-esponiment għall-periklu psikosoċjali, hija meħtieġa iżjed riċerka biex tispjega din id-differenza.

**Spejjeż tad-dijabete**

L-estimi tal-ispejjeż tad-dijabete tipikament jinkludu l-ispejjeż assoċjati mad-dijabete kemm tat-tip I kif ukoll tat-tip II, u jinkludu l-ispejjeż mediċi diretti (eż. l-ispejjeż tal-mediċina, it-trattament inpatient u outpatient), kif ukoll l-ispejjeż indiretti bħat-telf fil-produttività u l-ispejjeż assoċjati mal-kundizzjonijiet mediċi relatati mad-dijabete (eż. insuffiċjenza tal-kliewi, mard kardjovaskulari, mard fis-saqajn).

L-istħarriġ tal-ekonomisti tas-saħħa eżamina l-ispejjeż assoċjati mad-dijabete u l-kumplikazzjonijiet tagħha f'ħames pajjiżi tal-UE: Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja u r-Renju Unit (Kanavos et al., 2012). Bl-użu ta' dejta mill-2010, l-ispiża totali tad-dijabete f'dawn il-ħames pajjiżi kienet stmata li hija €90 biljun. L-ispiża kienet l-ikbar fil-Ġermanja, fil-livell ta' €43.2 biljun, segwita mir-Renju Unit (€20.2 biljun), Franza (€12.9 biljun), l-Italja (€7.9 biljun) u, finalment, Spanja (€5.4 biljun).

Fil-bqija, l-ispiża tad-dijabete dijanjostikata fl-Istati Uniti (Herman, 2013) hija kkalkulata li żdiedet minn US$174 biljun fl-2007 għal US$245 biljun fl-2012, żieda ta' 41 %. L-ispiża totali għall-2012 hija magħmula minn US$176 biljun għall-ispejjeż mediċi diretti u US$69 biljun minħabba telf fil-produttività. Fl-Awstralja, l-ispejjeż attribwibbli għad-dijabete tat-tip I u t-tip II biss ġew ikkalkulati fil-livell ta' AU$6 biljun u AU$570 miljun, rispettivament (Colagiuri et al., 2003, 2009). Fil-Kanada, il-mudelli ekonomiċi stmaw l-ispiża tad-dijabete bħala CA$6.3 biljun fis-sena 2000, u jbassru li sal-2020 l-ispiża annwali tkun żdiedet għal CA$16.9 biljun (Assoċjazzjoni Kanadiża tad-Dijabete, 2009).

# 4. Sommarju

Għall-finijiet ta' din l-analiżi, xi wħud miċ-ċifri finanzjarji miksuba fis-snin preċedenti u kkalkulati f'munita li mhix l-euro ġew aġġustati għall-inflazzjoni bir-rati tal-2013 u maqluba f'munita waħda (l-euro) (ara l-Appendiċi II). B'mod ġenerali, is-sejbiet jissuġġerixxu li l-ispiża relatata mal-istress u r-riskji psikosoċjali fuq ix-xogħol imħallsa mis-soċjetajiet u l-organizzazzjonijiet hija konsiderevoli. Il-maġġoranza tal-ispejjeż miksuba joriġinaw minn pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent u tat-Tramuntana, u hemm nuqqas qawwi ta' rappreżentazzjoni mill-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant u tan-Nofsinhar. Minkejja li dawn il-pajjiżi huma rappreżentati f'xi analiżi fil-livell Ewropew (eż. Matrix, 2013), huwa diffiċli li wieħed jifhem b'mod komprensiv u mbagħad jistma l-ispejjeż tal-istress relatat max-xogħol u l-kwistjonijiet psikosoċjali fuq livell Ewropew meta ċerti reġjuni mhumiex rappreżentati biżżejjed.

Fl-Ewropa, l-ispejjeż monetarji diretti jitħallsu l-iżjed mis-soċjetajiet permezz ta' sistemi pubbliċi tal-kura tas-saħħa. L-organizzazzjonijiet jiġu affettwati l-iżjed mill-ispejjeż relatati mal-assenteiżmu, l-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom, it-tnaqqis fil-produttività jew id-dawran għoli tal-persunal. Dawk l-ispejjeż finalment jaffettwaw ukoll l-ekonomiji nazzjonali. L-ispejjeż prinċipali għall-individwi huma relatati mal-indeboliment tas-saħħa, il-mortalità u tnaqqis fil-kwalità tal-ħajja (Hoel et al., 2001). Minkejja li r-riskji psikosoċjali u l-problemi relatati mal-istress jistgħu b'mod ċar jaffettwaw l-introjtu tal-individwu, id-dejta f'dan il-qasam mhix disponibbli fl-Ewropa kollha.

Kwalunkwe tqabbil ġenerali tal-ispejjeż finanzjarji, u speċjalment tqabbil bejn il-pajjiżi, għandu jsir b'kawtela kbira għaliex iċ-ċifri jirriżultaw minn pajjiżi ta' daqs ġeografiku u ekonomiku li jvarja, b'muniti u rati tal-inflazzjoni differenti. Barra minn hekk, l-ispejjeż identifikati huma bbażati fuq aspetti differenti meqjusa, inkluż spejjeż diretti u indiretti relatati ma', pereżempju, telf fil-produttività, spejjeż tas-saħħa, eċċ. (ara l-Appendiċi I). F'termini tal-approċċ metodoloġiku, il-maġġoranza tar-rapporti użaw approċċ induttiv, li jippermetti li jiġu identifikati sottospejjeż ta' interess (Ramaciotti u Perriard, 2003; Bejean u Sultan-Taieb, 2005). Fl-istess ħin, il-kalkoli jużaw għadd ta' metodoloġiji u tekniki ta' statistika differenti (bħal frazzjonijiet attribwibbli u l-metodu tal-kapital uman). Studji bħal dawk minn Juel et al. (2006) u Giga et al. (2008) juru li l-użu ta' approċċi u metodoloġiji differenti jista' jwassal għal riżultati li jvarjaw. Minkejja l-kategoriji tal-ispejjeż differenti, il-metodoloġija u l-approċċi, aktarx li l-ebda wieħed mill-metodi jew mill-approċċi ma huwa aħjar minn ieħor, imma jridu jkunu xierqa fil-kuntest li se jintużaw fih.

Is-sottospejjeż eżaminati l-iżjed komuni huma l-ispejjeż tas-saħħa u mediċi, l-assenteiżmu u t-telf tal-produzzjoni, u, inqas spiss, l-ispejjeż attribwibbli għall-irtirar bikri jew għad-diżabbiltà jew, fil-livell organizzazzjonali, għall-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom. L-attendenza ta' ħaddiema mhux

b'saħħithom bħala kunċett ġibdet ħafna attenzjoni fil-qasam akkademiku (Cooper u Dewe, 2008), imma, billi hija spiża indiretta, huwa ferm iżjed diffiċli biex tiġi kkwantifikata. Il-kalkoli li jqisu l-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom għandhom jirriżultaw f'estimi ogħla tal-ispejjeż totali, għaliex instab li hija ferm ogħla mill-assenteiżmu (Ċentru ta' Sainsbury għas-Saħħa Mentali, 2007).

Iċ-ċifri rrappurtati fil-bibljografija huma spiss estimi konservattivi tal-ispejjeż finanzjarji assoċjati mal-istress relatat max-xogħol u l-kwistjonijiet psikosoċjali, li hija relatata mad-diffikultà li jiġu identifikati t-tipi differenti kollha tal-ispejjeż involuti (Levi u Lunde-Jensen, 1996; Ramaciotti u Perriard, 2003; Juel et al., 2006). Il-perikli psikosoċjali għandhom impatt divers, u jista' jkun diffiċli li jiġu identifikati u kkwantifikati l-ispejjeż kollha involuti (Chandola, 2010). B'mod simili, l-organizzazzjonijiet tħabtu wkoll biex jidentifikaw u jiksbu l-ispejjeż rilevanti għalihom (Brun u Lamarche, 2006).

Dejta ulterjuri li kienet tirrelata mal-ispejjeż tal-istress u r-riskji psikosoċjali fil-livell organizzazzjonali għandha tkun ta' importanza kbira biex jinbena "każ ta' negozju" għall-ġestjoni u l-prevenzjoni tal-istress fuq il-post tax-xogħol. L-analiżi sekondarja tad-dejta ta' ESENER (EU-OSHA, 2012) uriet li, fis-setturi kollha, wieħed mill-muturi ewlenin għall-ġestjoni tar-riskju psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol huwa x-xewqa li jitnaqqas l-assenteiżmu. Il-gwidi ppreżentati f'dan ir-rapport jistgħu jagħmluha iżjed faċli biex l-organizzazzjonijiet jikkalkulaw l-ispejjeż u jsaħħu l-argument tan-"negozju" għall-impjegaturi. L-indikaturi ewlenin tal-ispejjeż jirrelataw mal-assenteiżmu relatat mal-istress, l-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom u d-dawran tal-persunal, imma fatturi oħra li jiġġeneraw l-ispejjeż jistgħu jiġu inklużi wkoll (lista komprensiva tal-aspetti li għandhom jitqiesu meta jiġu kkalkulati l-ispejjeż tad-disturbi psikosoċjali, proposti minn Brun u Lamarche (2006), tinsab fl-Appendiċi III). L-għarfien tal-ispejjeż assoċjati mal-istress relatat max-xogħol u r-riskji psikosoċjali fl-organizzazzjonijiet u l-inkoraġġiment tal-impjegaturi biex jinvolvu ruħhom f'din it-tip ta' valutazzjoni huma meqjusa li jkollhom impatt pożittiv sinifikanti fuq il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' dawk ir-riskji (Il-Kummissjoni Ewropea, 2011b). Dan jista' jissaħħaħ iżjed bil-ġbir ta' iżjed evidenza dwar il-kosteffettività tal-interventi li jiffukaw fuq l-istress u r-riskji psikosoċjali.

# 5. Konklużjonijiet

Dan ir-rapport jagħti sommarju tar-riżultati tal-analiżi bibljografika li tiffoka fuq l-ispejjeż tal-istress relatat max-xogħol, l-istrapazz fl-impjieg, il-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol (fastidju morali, bullying) u riskji psikosoċjali oħra (bħal nuqqas ta' appoġġ fuq ix-xogħol, piż ta' xogħol eċċessiv jew nuqqas ta' kontroll). Madankollu, it-tqabbil bejn jew anke fil-pajjiżi stess huwa estremament diffiċli għal diversi raġunijiet, bħad-differenzi fil-muniti, id-daqsijiet tal-ekonomija, il-perjodu tal-ġbir tad-dejta, l-aspetti inklużi fil-kalkoli u l-metodoloġija użata. Barra minn hekk, huwa probabbli li dawn iċ-ċifri huma fil-fatt estimi konservattivi u li l-ispejjeż reali huma anke ogħla għaliex l-istudji analizzati kienu normalment iffukati fuq biss fatturi magħżula li jiġġeneraw l-ispejjeż. Is-sejbiet juru li l-ispejjeż finanzjarji tal-istress relatat max-xogħol u r-riskji psikosoċjali fuq ix-xogħol jistgħu jintwerew u jiġu kkwantifikati f'diversi forom (eż. spejjeż tal-kura tas-saħħa, telf fil-produttività, assenteiżmu, eċċ.). Flimkien ma' din id-diversità, ħafna minn dawn l-ispejjeż joperaw f'livelli multipli li jaffettwaw lill-individwu, l-organizzazzjoni u s-soċjetà.

**L-istudji jindikaw li hemm "każ ta' negozju" b'saħħtu għall-prevenzjoni tal-istress u r-riskji psikosoċjali fuq ix-xogħol**

L-istudji identifikati mill-Ewropa u lil hinn jipprovdu evidenza li l-piż finanzjarju fuq is-soċjetajiet u l-organizzazzjonijiet relatat mal-istress u r-riskji psikosoċjali fuq ix-xogħol huwa konsiderevoli. Barra minn hekk, teżisti evidenza li tissuġġerixxi li l-interventi fuq il-post tax-xogħol ippjanati u implimentati b'mod xieraq li jiffukaw fuq il-prevenzjoni tal-istress, it-titjib tal-ambjent psikosoċjali tax-xogħol u l-promozzjoni tas-saħħa mentali huma kosteffettivi.

Barra minn hekk, żviluppi iżjed riċenti fil-qasam tar-riċerka psikosoċjali argumentaw li l-karatteristiċi tax-xogħol jista' jkollhom effett pożittiv, u mhux biss negattiv, fuq is-saħħa u l-benessri tal-impjegat (Fullagar u Kelloway, 2010; Mellor et al., 2012). Teżisti wkoll xi evidenza li l-fatturi pożittivi tax-xogħol, bħall-impenn tax-xogħol u r-riżorsi tal-impjieg, ukoll jista' jkollhom relazzjoni b'saħħitha mas-saħħa u l-prestazzjoni tal-impjegat (Vazquez et al., 2009). Jeżisti l-bżonn għal studji li jeżaminaw jekk il-promozzjoni tal-fatturi u r-riżorsi pożittivi fuq il-post tax-xogħol, bħala parti minn approċċ komprensiv għall-ġestjoni tar-riskju psikosoċjali, tistax tkun ta' benefiċċju u li jikkwantifikaw il-benefiċċji ekonomiċi li din tista' ġġib magħha (LaMontagne et al., 2007)

**Huma meħtieġa metodoloġiji sempliċi fil-livell organizzazzjonali**

L-analiżi tenfasizza l-importanza tal-valutazzjoni tal-ispejjeż relatati mal-istress u r-riskji psikosoċjali li jirriżultaw mill-assenteiżmu, l-attendenza ta' ħaddiema mhux b'saħħithom u d-dawran tal-persunal fl-organizzazzjonijiet. Ġew identifikati ftit metodi li jistgħu jiffaċilitaw dan il-proċess; madankollu, hemm iżjed bżonn għall-iżvilupp u l-promozzjoni ta' metodoloġiji u approċċi sempliċi li jgħinu lill-impjegaturi jistmaw l-ispejjeż tal-istress relatat max-xogħol u tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol. Il-kisba ta' perspettiva iżjed ċara tal-ispejjeż assoċjati mal-istress relatat max-xogħol u mal-kwistjonijiet psikosoċjali fil-livell tal-intrapriża għandha tikkontribwixxi għal każ ta' negozju iżjed b'saħħtu għall-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol.

**Nikkonsolidaw ir-riċerka dwar il-problemi tas-saħħa assoċjati mal-istress relatat max-xogħol u mar-riskji psikosoċjali**

Ir-rapport jiddeskrivi r-relazzjoni bejn l-istress relatat max-xogħol u r-riskji psikosoċjali u l-problemi ta' saħħa mentali (id-dipressjoni), il-mard kardjovaskulari, il-mard muskoloskeletali u d-dijabete. Iżjed esplorazzjoni tar-relazzjoni bejn l-ambjent psikosoċjali tax-xogħol u l-eżiti negattivi għas-saħħa mentali u fiżika hija meħtieġa biex jiġi stmat b'mod iżjed preċiż il-kontribut tax-xogħol u l-piż finanzjarju assoċjat. Din għandha tinkludi analiżi ta' kif l-irkupru mill-mard jista' jiġi influwenzat mir-riskji psikosoċjali fuq ix-xogħol, problema li sa issa ftit ingħatat attenzjoni (Harma, 2006).

# Referenzi


Agardh, E.E., Ahlbom, A., Andersson, Norman, A., & Ostenson, C.G., 'Work stress and low sense of coherence is associated with type 2 diabetes in middle-aged Swedish women', Diabetes Care, Vol. 26, Nru 3, 2003, p. 719-724.

Andlin-Sobocki, P., Jönsson, B., Wittchen, H.U. u Olesen, J., "Costs of disorders of the brain in Europe", European Journal of Neurology, Vol. 12, Nru 1, 2005, p. 1-27.

Albrecht, K., Stress and the manager: making it work for you, Prentice-Hall, NJ 1979.

Amick, B.C. u Mustard, C., "Labour markets and health: a social epidemiological view", Work, family, health and well-being (S. Bianchi, L.M. Casper, u R. Berkowitz King, ed.), Lawrence Erlbaum Associates, NJ, 2005.

Arthritis Ireland, Work and arthritis programme — survey results, Arthritis Ireland, Dublin, 2008.

Australian Safety and Compensation Council, Compendium of workers' compensation statistics Australia 2004-05, Safe Work Australia, Canberra, 2007. Disponibbli fuq: http://www.safeworkaustralia.gov.au/sites/swa/about/publications/pages/sr200705cwcstatisticaustralia2004to2005.

Bejean, S. u Sultan-Taieb, H., "Modelling the economic burden of diseases imputable to stress at work", European Journal of Health Economics, Vol. 50, 2005, p. 16-23.

Belkic, K., Landsbergis, P., Schnall, P., Peter, R., & Karasek, R., "Psychosocial factors: review of the empirical data among men", Occupational Medicine, Vol. 15, 2000, p. 24-46.

Berger, M.L., Murray, J.F., Xu, J. u Pauly, M., "Alternative valuations of work loss and productivity", Journal of Occupational and Environmental Medicine, Vol. 43, Nru 1, 2001, p. 18-24.

Beswick, J., Gore, G. u Palferman, D., Bullying at work: a review of the literature, Health and Safety Laboratories, Buxton, 2006. Disponibbli fuq: http://www.hse.gov.uk/research/hslpdf/2006/hsl0630.pdf.

Bevan, S., Quadrello, T., McGee, R., Mahdon, M., Vavrovsky, A. and Barham, L., Fit for work? Musculoskeletal disorders in the European workforce, The Work Foundation, London, 2009. Disponibbli fuq: http://www.fitfor'workeurope.eu/default.aspx.locid-0afnew009.htm.

Blatter, B., Houtman, I., van den Bossche, S., Kraan, K. u van den Heuvel, S., Gezondheidsschade en kosten als gevolg van RSI en psychosociale arbeidsbelasting in Nederland, TNO Report, 2005. Disponibbli fuq: http://docs.szw.nl/pdf/129/2006/129_2006_3_8656.pdf

Bodeker, W u Friedrichs, M., "Kosten der psychischen Erkrankungen und Belastungen in Deutschland", Regelungslücke psychische Belastungen schliessen, Hans Bockler Stiftung (L. Kamp u K. Pickshaus, ed.), Dusseldorf, 2011, p. 69-102.

Bond, F.W., Flaxman, P.E. u Loivette, S., A business case for the management standards for stress, Health and Safety Executive, 2006. Disponibbli fuq: http://www.hse.gov.uk/research/rrpdf/rr431.pdf.

Bonde, J.P., "Psychosocial factors at work and risk of depression; a systematic review of the epidemiological evidence", Occupational and Environmental Medicine, Vol. 65, Nru 7, 2008, p. 438-445.

Boormans, S., NHS health and wellbeing review: interim report, Department of Health, Leeds, Ir-Renju Unit, 2009. Disponibbli fuq: http://www.nhshealthandwellbeing.org/pdfs/NHS%20HWB%20Review%20Interim%20Report%20190809.pdf.

Booz and Company, Vorteil vorsorge: die rolle der betrieblichen gesundheitsvorsorge für die ukunftsfähigkeit des wirtschaftsstandortes Deutschland, Rapport Ikkummissjonat mill-Felix Burda Stiftung, 2011. Disponibbli fuq: http://www.google.co.uk/url?sa=t&rct=i&q=&esrc=s&source=web&cd=1&ved=0CC8QFiAA&url=http%3A%2F%2Fwww.felixburda.de%2Fcontent%2Fdownload.php%3Ffile%3Ddoc1318603781129.pdf%26type%3Dpdf%26name%3DStudie--quot%3BVorteil-Vorsorge-quot%3B&ei=o3liU62PIOqf0QWp7IGQAQ&usg=AFQiCNGKOMUNs ZhAV-DRXwTxf0-JhWNRQ .

Bosma, H., Peter, R., Siegrist, J. u Marmot, M., "Two alternative job stress models and the risk of

coronary heart disease”, American Journal of Public Health, Vol. 88, Nru 1, 1998, p. 68-74.

Brun, J.P. u Lamarche, C., Assessing the costs of work stress. Université Laval, Quebec, il-Kanada, 2006. Disponibbli fuq: http://www.cgsst.com/stock/eng/doc272-806.pdf

Bundesministerium für Arbeit und Soziales, Sicherheit und gesundheit bei der arbeit 2010, Berlin, 2011.

Bundesministerium für Arbeit und Soziales, Volkswirtschaftliche kosten durch arbeitsunfähigkeit 2010, Dortmund, 2012.

Canadian Diabetes Association, An economic tsunami: the cost of diabetes in Canada, Canadian Diabetes Association, 2009. Disponibbli fuq: http://www.diabetes.ca/d_o_cuments/get-involved/FINAL_Economic_Report.pdf.

Carnero, M.A. u Martinez, B., Economic and health consequences of the initial stage of mobbing: the Spanish case, XXX Simposio de Análisis Económico, Universidad de Murcia. 2005. Disponibbli fuq: http://www.webmeets.com/files/papers/SAE/2005/104/CM05_iune05.pdf.

Chandola, T., Stress at work, The British Academy, Londra, 2010.

CIPD (Chartered Institute of Personnel and Development), Recruitment, retention and turnover, CIPD, Londra, 2008a. Disponibbli fuq: http://www.cipd.co.uk/NR/rdonlyres/BE3C57BF-91FF-4AD0-9656-FAC27E5398AA/0/recruitmentretentionturnover2008.pdf

CIPD (Chartered Institute of Personnel and Development), Building the business case for managing stress in the workplace, CIPD, Londra, 2008b. Disponibbli fuq: http://www.cipd.co.uk/NR/rdonlyres/F5B27EA2-1A75-4C26-9140-1C9242F7A9C6/0/4654StressmanagementWEB.pdf.

Cohen, S., Janicki-Deverts, D., Doyle, W.J., et al., “Chronic stress, glucocorticoid receptor resistance, inflammation, and disease risk”, Proceedings of the National Academy of Sciences of the USA, Vol. 109, 2012, p. 5995-5999.

Colagiuri, S., Brnabic, A., Gomez, M., Fitzgerald, B. u Colagiuri, R., DiabCost Australia type 1: assessing the burden of type 1 diabetes in Australia, Diabetes Australia, Canberra, 2009.

Colagiuri, S., Colagiuri, R., Conway, B., Grainger, D. u Davey, P., DiabCost Australia: assessing the burden of type 2 diabetes in Australia, Diabetes Australia, Canberra, 2003.

Collins, J.J., Baase, C.M., Sharda, C.E., et al., “The assessment of chronic health conditions on work performance, absence, and total economic impact for employers”, Journal of Occupational and Environmental Medicine, Vol. 47, Nru 6, 2005, p. 547-557.

Concha-Barrientos, M., Imel, N.D., Driscoll, T., et al., “Selected occupational risk factors”. Comparative quantification of health risks (M. Ezzati, A.D. Lopez, A. Rodgers u C.J.L. Murray, ed.), Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, Ġinevra, 2004, p. 1651-1802. Disponibbli fuq: http://www.who.int/publications/cra/chapters/volume2/1651-1802.pdf

Cooper, C.L. u Dewe, P., “Well-being - absenteeism, presenteeism, costs and challenges”, Occupational Medicine, Vol. 58, 2008, p. 522-524.

Cooper, C.L., Liukkonen, P. u Cartwright, S., Stress prevention in the workplace: assessing the costs and benefits to organisations, European Foundation for Living and Working Conditions, Dublin, 1996. Disponibbli fuq: https://www.google.co.uk/search?q=Stress+Prevention+in+the+Workplace%3A+Assessing+the+Costs+and+Benefits+to+Organisations&oq=Stress+Prevention+in+the+Workplace%3A+Assessing+the+Costs+and+Benefits+to+Organisations&aqs=chrome.0.69i57i69i62l3.628i0&sourceid=chrome&ie=UTF-8

Cox, T., “Stress research and stress management: putting theory to work”, HSE contract research report no 61/1993, Sudbury, HSE Books, 1993.

Cox, T. u Griffiths, A., “The nature and measurement of work-related stress: theory and practice”, Evaluation of human work (3rd ed.) (J.R. Wilson u N. Corlett, ed.), CRS Press, Londra, 2005, p.553-571.

Crouter, A.C., Bumpus, M.F., Head, M.R. u McHale, S.M., “Implications of overwork and overload for the quality of men”s family relationships”, Journal of Marriage and the Family, Vol. 63, Nru 2, 2001, p. 404-416.

Davies, N. u Teasdale, P., The costs to the British economy of work accidents and work-related ill

health, Health and Safety Executive, Londra, 1994.

Dembe, A.E., “The social consequence of occupational injuries and illnesses on families”, American Journal of Industrial Medicine, Vol. 40, Nru 4, 2001, p. 403-417.

De Curtis, M., “Universal healthcare coverage in Europe”, The Lancet, Vol. 380, Nru 9854, 2012, p. 1644-1645.

Econtech, The Cost of Workplace Stress in Australia, Medibank Private Limited, 2008. Disponibbli fuq: http://www.medibank.com.au/Client/Documents/Pdfs/The-Cost-of-Workplace-Stress.pdf.

EU-OSHA — Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Economic impact of occupational safety and health in the member states of the European Union, Il-Komunitajiet Ewropej, Il-Lussemburgu, 1999. Disponibbli fuq: https://osha.europa.eu/en/publications/reports/302.

EU-OSHA — Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Fatti Nru 9: Inventory of socioeconomic information about work-related musculoskeletal disorders in the member states of the European Union, Il-Komunitajiet Ewropej, Il-Lussemburgu, 2000. Disponibbli fuq: http://bookshop.europa.eu/en/facts-no-9.-inventory-of-socio-economic-information-about-work-related-musculoskeletal-disorders-in-the-member-states-of-the-european-union-pbTE2900052/

EU-OSHA - Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, “Quality of the working environment and productivity: research findings and case studies”, Il-Komunitajiet Ewropej, Il-Lussemburgu, 2004. Disponibbli fuq: https://osha.europa.eu/en/publications/reports/211

EU-OSHA — Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Expert forecast on emerging psychosocial risks related to occupational safety and health, Il-Komunitajiet Ewropej, Il-Lussemburgu, 2007. Disponibbli fuq: https://osha.europa.eu/en/publications/reports/7807118.

EU-OSHA — Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, OSH in figures: stress at work - facts and figures, Il-Komunitajiet Ewropej, Il-Lussemburgu, 2009. Disponibbli fuq: http://osha.europa.eu/en/publications/reports/TE-81-08-478-EN- C OSH in figures stress at work/view

EU-OSHA — Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, European survey of enterprises on new and emerging risks: managing safety and health at work, Il-Komunitajiet Ewropej, Il-Lussemburgu, 2010a. Disponibbli fuq: https://osha.europa.eu/en/publications/reports/esener1 osh management.

EU-OSHA — Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, OSH in figures: work-related musculoskeletal disorders in the EU- facts and figures, Il-Komunitajiet Ewropej, Il-Lussemburgu, 2010b.

EU-OSHA — Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Drivers and barriers for psychosocial risk management, Il-Komunitajiet Ewropej, Il-Lussemburgu, 2012. Disponibbli fuq: https://osha.europa.eu/en/publications/reports/drivers-barriers-psychosocial-risk- management-esener.

EU-OSHA — Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Campaign guide - Managing stress and psychosocial risks at work, Il-Komunitajiet Ewropej, Il-Lussemburgu, 2014a. Disponibbli fuq: https://www.healthy-workplaces.eu/en/campaign-material/introducing-the-campaign-guide

